# FIL-QORTI ĊIVILI - PRIM AWLA

## ONOR. IMĦALLEF

## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum, l-Erbgħa, 2 ta' April, 2025

Mandat Numru **464/2025 ISB**

Fl-atti tar-rikors għall-ħruġ ta` **Mandat ta` Inibizzjoni Numru 464/2025 ISB** fl-ismijiet :

**Birdlife Malta (V.O. 0052)**

VS

**(1) Il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Indafa Pubblika,**

**(2) Is-Segretarju Permanenti - Ministeru ghall-Ambjent, l-Enerġija u l-Indafa Pubblika,**

**(3) Il-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar,**

**(4) Is-Segretarju Permanenti - għal Għawdex u l-Ippjanar,**

**(5) President tal-Kumitat Ornis,**

**(6) L-Avukat tal-Istat u b'digriet tal-24 ta' Marzu 2025, il-Federazzjoni Kaċċatur Nassaba Konservazzjonisti (VO/0306) ġiet awtorizzata tintervjeni fil-proċeduri odjerni in statu et terminis**

**Il-Qorti** :

Rat ir-**rikors** ta' Birdlife Malta tat-18 ta' Marzu 2025, fejn l-għaqda rikorrenti talbet lil din il-Qorti sabiex :

> *iżżomm lill-intimati milli waqt il-laqgħat tal-Kumitat Ornis jiġi kkunsidrat, diskuss, deċiż permezz ta' vot u rakkomandat il-ftuħ tal-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa għall-gamiem.*

U dan għas-segwenti raġunijiet:

1. *Illi l-esponenti, għaqda mhux governattiva impenjata għall-ħarsien tal-ambjent (Ara BLM Dok 01 anness mal-affidavit allegat) sabiex tikkawtela d-drittijiet tagħha, tixtieq iżżomm lill-intimati milli waqt il-laqgħat tal-Kumitat Ornis jiġi kkunsidrat, diskuss, deċiż permezz ta' vot u rakkomandat il-ftuħ tal-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa għall-gamiem.*

2. *Illi il-kaċċa fir-rebbiegħa għall-gamiema hija pprojbita mid-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi liema Direttiva ġiet trasposta fl-ordinament ġuridiku tagħna permezz tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi, Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42. U l-prinċipju kawtelattiv stabbilit fl-istess liġi ma jikkonċedi ebda deroga għall kaċċa fir-rebbiegħa meta speċi tkun meqjusa bhala vulnerabbli.*

3. *Illi dwar dan, l-esponenti tissottometti bir-rispett illi l-Artikolu 7(4) tad-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġ jiddisponi li:*

    > *L-Istati Membri għandhom jassiguraw li l-prattika tal-kaċċa, inkluż il-falkunerija jekk prattikata, kif prattikata bi qbil mal-miżuri nazzjonali fis-seħħ, tikkonforma mal-prinċipji tal-użu bil-għaqal u l-bilanċ ekoloġiku tal-kontroll tal-ispeċi tal-għasafar kkonċernati u li din il-prattika tkun kompatibbli għal dak li jirrigwarda l-popolazzjoni ta' dawn l-ispeċi, partikolarment l-ispeċi migratorji, mall-miżuri stabbiliti fl-Artikolu 2.*
    >
    > *Dawn għandhom jaraw partikolarment li l-ispeċi li japplikaw għalihom il-liġijiet tal-kaċċa ma humiex suġġetti għal kaċċa fl-istaġun tat-trobbija u lanqas waqt l-istadji differenti tar-riproduzzjoni.*
    >
    > *Fil-każ tal-ispeċi migratorji, għandhom jaraw partikolarment li l-ispeċi li r-regolamenti tal-kaċċa japplika għalihom ma humiex suġġetti għall-kaċċa waqt il-perjodu tar-riproduzzjoni tagħhom jew waqt il-perjodu tar-ritorn tagħhom għall-postijiet tat-trobbija.*

*(Emfażi miżjuda)*

4. *Illi l-laqgħa li jmiss hija skedata għal nhar il-Ġimgħa 21 ta' Marzu tal-2025 u skont l-Aġenda ċirkolata fost il-membri tal-istess kumitat (Ara BLM Dok 05 anness mal-affidavit allegat) għandha tiġi kkunsidrata, diskussa u deċiża permezz ta' vot proposta tal-Federazzjoni Kaċċaturi, Nassaba u Konservazzjonisti (FKNK) għall-ftuħ tal-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa għall-gamiem (Streptopelia Turtur). (Item 6 - Spring Hunting Season 2025 - Turtle Dove and Quail - FKNK Proposal"). Wara hu mistenni li ssir rakkomandazzjoni lill-Ministru jekk għandux jinfetaħ l-istaġun jew le.*

5. *Illi l-esponenti ilha tipprova twaqqaf lill-Gvern milli jiftaħ l-istaġun tal-kaċċa rebbiegħa ta' din l-ispeċi t'għasfur vulnerabbli għal diversi snin u matul dawn l-aħjar ftit snin intavolat xejn inqas minn tlett mandati ta' inibizzjoni (li ġew miċħuda) u kif ukoll kawża quddiem Il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili (rikors ġuramentat numru 1067/2022 MS) li għadha għaddejja. F'din tal-aħħar, il-Qorti għandha tiddeċiedi il-mertu ċioe jekk id-deroga li japplika il-Gvern biex jiftaħ l-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa tal-ispeċi vulnerabbli Streptopelia Turtur hijiex tabilħaqq kontra l-liġi jew le.*

6. *Illi l-esponenti ħadet dawn il-passi peress illi jeżisti kunsens xjentifiku li l-gamiema hija meqjusa li tinstab fi stat ta' konservazzjoni vulnerabbli (Ara BLM Dok 02 anness mal-affidavit allegat) u għalhekk din m'għandiex tiġi kkaċċjata fl-ebda staġjun, speċjalment fl-istaġun tar-rebbiegħa meta din tkun qiegħda tpassi biex tbejjet u ċioe, fiċ-ċikolu riproduttiv tagħha. Illi s'issa, il-Gvern Malti dejjem ittenta jirribatti dan u biex jagħmel hekk dejjem qanqal l-argument illi skond id-data li għandu il-popolazzjoni ta' din l-ispeċi mhijiex vulnerabbli iżda hija stabbli (jew saħansitra 'increasing') u li in-numri li jiġu kkaċċjati f' dan l-istaġun huma ftit wisq biex ikollhom xi impatt fuq il-popolazzjoni ta' din l-ispeċi.*

7. *Illi iżda iktar ma jgħaddi ż-żmien, u iktar ma toħroġ data ġdida, iktar tiġi kkonfermata u msaħħa it-teżi tal-għaqda rikorrenti u iktar tiġi kontradetta u mdgħajjfa it-teżi tal-Gvern.*

8. *Illi dak li ilha ssostni l-għaqda rikorrenti ghal dawn l-aħħar snin ġie ikkonfermat bl-iktar mod ċar u konklussiv f' dawn l-aħħar ġranet permezz ta' l-aħħar rapport imħejji mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi f' Marzu 2025 speċifikament fuq din il-materja.*

9. *Illi dan ir-rapport u d-data gdida li fuqha hu ibbażat ġab bidla oħra fiċ-ċirkostanzi u jerġa jikkonferma illi mhux biss li l-gamiema tinstab f'qagħda ta' konservazzjoni vulnerabbli iżda għadha għaddejja minn deklin kontinwu. Kontinwament taqleb mill-ħażin għall-agħar. U kuntrarju għal dak li jargumenta il-Gvern Malti, dan id-deklin jimmanifesta ruħu fit-time series sħiħa, kemm fil-long, medium u anke short*

*term. U il-kaċċa fir-rebbiegħa f' Malta ma tistax ħlief tkun fattur kawżali jew għallinqas kontributorju ghal dan.*

10. *Illi anke f' dawn l-aħħar erba' snin, meta skond il-Gvern l-istatus tal-konservazzjoni tal-gamiema kien stabbli, xorta waħda baqa' jirriżulta tnaqqis ċar. Ara tabella f' paġna 39 u 40 tal-istess rapport (Ara BLM Dok 02 anness mal-affidavit allegat).*

11. *Illi fi kliem ieħor, dan l-aħħar rapport jikkontradixxi lill-Gvern u jikkonferma kemm l-għaqda rikorrenti kellha raġun il-ħin kollu: right all along.*

12. *Illi huwa assjomatiku illi jekk dan id-deklin jitħalla jkompli dan ser inevitabbilment iwassal għall-estinzjoni tal-gamiema.*

13. *Illi l-Gvern Malti huwa l-uniku Gvern ta' stat membru tal-UE li jippermetti l-illegalita tal-kaċċa tal-gamiema fir-rebbiegħa. Din hi pożizzjoni anomala tant illi fl-UE il-kaċċa tal-gamiema fir-Rebbiegħa lanqas hija kkunsidrata. U fir-rapport tagħha ta' Marzu 2023, it-Task Force on the recovery of Birds" rakkomandat illi sahansitra lanqas fil-ħarifa, aħseb u ara fir-rebbiegħa, ma għandha ssir kaċċa fuq il-gamiema u dana fl-ebda stat membru tal-UE. L-istess jirrakkomanda bl-iktar mod ċar u inekwivoku il-Guide to Sustainable Hunting under the Birds Directive maħruġ mill-Kummisjini Ewropea (Ara BLM Dok 04 anness mal-affidavit allegat).*

14. *Illi issa is-sitwazzjoni preżenti hija li l-Kumitat Ornis imwaqqaf permezz tar-Regolament 10 tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi L.S. 549.42, wara li jirċievi proposti għall-ftuħ tal-istaġun, marbut li jikkunsidra, jiddiskuti u jiddeċiedi permezz ta' vot u skond l-eżitu ta' dan, jagħti rakkomandazzjoni lill-Gvern jekk ghandux jiftaħ l-istaġun jew le.*

15. *Illi iżda f' soċjetà fejn isaltan id-dritt, ebda entità pubblika imwaqqfa permezz tal-liġi ma għandha tikkunsidra, tiddiskuti, tiddeċiedi permezz ta' vot u tirrakkomanda attivita li tmur kontra l-liġi. Speċjalment meta hemm kawża pendenti dwar dan.*

16. *Illi huwa minnu li l-Gvern mhux marbut li jimxi ma' din ir-rakkomandazzjoni. Iżda spiss hekk jagħmel, indipendentement minn jekk ir-rakkomandazzjoni hijiex favur jew kontra din l-attivita illegali. Mhux biss, iżda il-Gvern spiss jistrieħ fuq il-vot u fuq ir-rakkomandazzjoni sabiex jagħti apparenza ta' legalità lill-ħaġa li hi illegali. U peress li jidher ċar li l-Gvern Malti qiegħed taht l-impressjoni żbaljata li l-kaċċa fir-rebbiegħa tal-gamiema mhijiex illegali, kollox jindika li tkun xi tkun ir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat, dan xorta waħda ser jiftaħ l-istaġun illegalment bil-konsegwenza sproporzjonata u irrimedjabbli ta' iktar deklin fil-popolazzjoni u eventwali estinzjoni ta' din l-ispeċi.*
17. *Illi għaldaqstant, jekk il-Kumitat Ornis ma jiġix imwaqqaf milli jikkunsidra, jiddiskuti, jiddeċiedi permezz ta' vot, u/jew jirrakkomanda il-ftuħ illegali tal-kaċċa*

*fir-rebbiegħa għall-gamiem, dan ser jarreka preġudizzju gravi, sproprozjonali, u rrimedjabbli lill-esponenti kif spjegat iktar 'il-fuq.*

18. *Illi l-esponenti tissottometti bir-rispett illi il-Gvern jitlob li japplika deroga kull sena. Din is-sena partikolari irriżulta ċar mill-aħħar rapport tat-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi li l-ġustifikazzjoni tal-Gvern wara din id-deroga ma treġġi assolutament xejn. Il-Gvern qalilna li "stable" u li n-numri ta' għasafar ikkaċċjati huma huma ftit wisq biex ikunu sinifikanti. Iżda minkejja dan, id-data qieghda turina deklin konsistenti u kontinwu.*

19. *Illi għaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti li twaqqaf lill-Kumitat Ornis milli jikkunsidra, jiddiskuti, jiddeċiedi permezz ta' vot, u jirrakkomanda il-ftuħ illegali tal-kaċċa fir-rebbiegħa għall-gamiem,*

*Illi l-esponenti se tiġi ppreġudikata jekk l-intimati ma jiġux inibiti kif ingħad;*

*Għaldaqstant, l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex iżommhom milli jkomplu jagħmlu l-ħwejjeġ hawn fuq imsemmija.*

Rat id-dokumenti annessi mal-istess rikors;

Rat id-digriet provviżorju tagħha tat-18 ta' Marzu 2025;

Rat ir-rikors tal-intimati tal-20 ta' Marzu 2025 u d-digriet provviżorju tal-istess ġurnata u kif ukoll dak definittiv għall-istess rikors tal-25 ta' Marzu 2025;

Rat ir-rikors tal-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti tal-21 ta' Marzu 2025 u d-digriet tal-24 ta' Marzu 2025, minn fejn jirriżulta illi l-istess Federazzjoni ġiet imdaħħla fil-proċeduri *in statu et terminis*;

Rat ir-**<u>risposta tal-intimati</u>** tal-24 ta' Marzu 2025 li permezz tagħha qalu hekk:

1. *Din ir-risposta qiegħda ssir in ottemperanza mad-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tat-18 ta' Marzu 2025 fejn din l-Onorabbli Qorti proviżorjament laqgħet it-talba tal-għaqda rikorrenti ai termini tal-artikolu 875(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. It-talba tar-rikorrenti hija sabiex twaqqaf lill-Kumitat Ornis milli jikkunsidra, jiddiskuti, jiddieċiedi permezz ta' vot u/jew jirrakkomanda l-ftuħ illegali tal-kaċċa fir-rebbiegħa għall-gamiem. Mingħajr tlaqliq, l-esponenti jirrilevaw illi t-talba tal-għaqda rikorrenti hija fiergħa u legalment improponibbli u dan għar-raġunijet li ġejjin;*

2. *Qabel ma l-esponenti jidħlu fil-mertu tar-rikors de quo, l-esponenti jonqsu jekk ma jiġbdux l-attenzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti illi r-rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni f'dan il-każ ma huwa xejn ħlief* ***<u>abbuż tal-proċeduri ġudizzjarji u għalhekk din l-Onorabbli Qorti għandha tikkunsidra li</u>***

***toħroġ is-sanzjonijiet opportuni fil-konfront ta' dan l-aġir abbużiv mill-għaqda rikorrenti.*** *Dan ħa joħroġ ċar mir-raba' eċċezzjoni preliminari tal-esponenti u minn kif żvolġew l-affarjiet qabel l-intavolar tar-rikors in risposta. Iżda qabel ma jaslu għal dan, l-esponenti għandhom eċċezzjonijiet oħra ta' natura preliminari li fl-umli fehma tagħhom, din l-Onorabbli Qorti għandha tikkunsidra qabel ma tgħaddi biex tidħol fil-mertu ta' din it-talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni;*

***Eċċezzjonijiet Preliminari***

3. *Il-Ministri intimati ġew imħarrkin għalxejn f'dawn il-proċeduri stante illi fi proċeduri ġudizzjarji huma s-Segretarji Permanenti tal-Ministeri kkonċernati illi għandhom ir-rappreżentanza ġuridika ta' Ministeru u dan ai termini tal-artikolu 17(8) tal-Kap. 595 tal-Liġijiet ta' Malta;*

4. *Il-Kumitat Ornis m'għandux personalità ġuridika u għaldaqstant għandu jkun illiberat mill-osservanza tal-ġudizzju;*

5. *Huwa pależ illi l-intimat Avukat tal-Istat m'għandu x'jaqsam xejn mal-iskedar tal-laqgħat tal-Kumitat Ornis u għaldaqstant huwa ukoll għandu jkun illiberat mill-osservanza tal-ġudizzju;*

***Sfond Fattwali***

6. *Fit-8 t'April 2022 daħal fis-seħħ l-Avviż Legali 116 tal-2022 permezz tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 54 u 55 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża, flimkien mal-Ministru għal Għawdex u dan wara konsultazzjoni mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, u b'kunsiderazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Ornis (Ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Ornis dwar din id-deroga taħt l-Artikolu 9(1)(ċ) tad-Direttiva tal-Għasafar kienu ġew diskussi waqt il-laqgħa tas-16 ta' Marzu 2022);*

7. *L-istaġun tal-kaċċa għall-gamiem fir-Rebbiegħa kien infetaħ għax l-istat ta' konservazzjoni tal-popolazzjoni ta' referenza tal-gamiema ta' Malta kien stabbli kif spjegat fir-rapport dwar il-konservazzjoni tal-gamiem u s-summien li kien ġie ppreżentat u diskuss mill-Kumitat Ornis fis-16 ta' Marzu 2022 (Anness u mmarkat bħala Dok A). Dan irriżulta b'mod ċar fit-tieni sezzjoni tar-rapport, senjatament paġna 28 u b'mod partikolari t-Tabella numru 13, u f'paġna 44 fejn hemm indikat b'mod ċar illi l-popolazzjoni tal-gamiem li jpassi minn Malta hija stabbli kemm fil-long term u kemm fix-short term. Illi l-popolazzjoni tal-gamiem kienet tammonta għal bejn 101,410 u 193,829 pari gamiem iżda sabiex ġiet applikata d-deroga intuża n-numru baxx u ċioè 101,410 gamiema u dan ai termini tal-Guide to Sustainable Hunting under the Birds Directive (Anness mar-rikors għal ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni in risposta u mmarkat bħala BLM Dok. 04) li jgħid is-segwenti:*

*"3.5.34 In order to determine an exact figure for the threshold, two approaches are possible:*

*- the figure must be much lower, by at least an order of size, than those figures characteristic of the taking of birds under Article 7. A figure of 1% meets this condition.*

*- the taking must have a negligible effect on the population dynamics of the species concerned. A figure of 1% or less meets this condition as the parameters of population dynamics are seldom known to within less than one percentage point and bird taking amounting to less than 1% can be ignored from a mathematical point of view in model studies.*

*Para. 3.5.36 The overall annual mortality is an appropriate parameter to quantify small numbers because it takes population size, status and population dynamics into account. Within this framework "small numbers" should be considered as being any taking of around 1% of the annual mortality for species which may be hunted, it being understood that conformity with Article 9 of the Directive depends in any event on compliance with the other provisions of the Article."*

*Meta l-Kumitat Ornis lura fl-2022 kien ta r-rakkomandazzjoni tiegħu, kien ikkunsidra r-rata ta' mortalità fil-popolazzjoni ta' referenza, ossia l-kalkolu ta' wieħed fil-mija, u wasal għal ċifra ta' 2,369 gamiema bħala kwota nazzjonali li skont is-surreferit tgħodd taħt il-framework ta' numri żgħar;*

8. *Birdlife Malta ma kinitx kuntenta illi abbażi tax-xjenza, il-Kumitat Ornis fl-2022 għażel li jagħti rakkomandazzjoni sabiex jinfetaħ l-istaġun tal-kaċċa. Għalhekk l-għaqda rikorrenti kienet fetħet proċeduri quddiem din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta permezz ta' mandat ta' inibizzjoni identiku għal mandat ieħor li ġie ppreżentat mill-istess rikorrenti fl-2023, 2024 u l-mandat de quo. Permezz tad-digriet tal-15 t'April 2022 (digriet fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni 492/2022AJD li qed jiġi anness u mmarkat bħala Dok. B), din l-Onorabbli Qorti, diversament presjeduta, ċaħdet il-pretensjonijiet kollha ta' Birdlife Malta:*

*"i. **Tiċħad it-talbiet kif dedotti** fir-rikors b'talba għar-rinviju ta' BirdLife Malta;*

*ii. **Tirrevoka** contrario imperio d-digriet tagħha tat-tnax (12) t'April 2022; u konsegwentement*

*iii. **Tiċħad it-talba kif dedotta** fir-rikors ta' BirdLife Malta datat ħdax (11) t'April 2022.*

*Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri kontra BirdLife Malta."*

*L-għaqda rikorrenti, sussegwentament, u ċioè fl-10 ta' Novembru 2022, intavolat ir-rikors ġuramentat bin-numru 1067/2022 MS sabiex tattakka s-siwi tal-Avviż Legali 116 tal-2022;*

9. *Fl-2023, l-istatus tal-konservazzjoni tal-gamiem kien għadu stabbli fuq livell ta' popolazzjoni ta' referenza ta' Malta. Minn qari tar-rapport li kien ippreżentat lill-Kumitat Ornis fil-laqgħa tad-29 ta' Marzu 2023, kopja ta' liema qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok. Ċ, huwa evidenti li s-sitwazzjoni kienet simili għal dik tal-2022:*

*"Based on the latest Article 12 reporting cycle (2013–2018),* ***the Turtle-dove reference population improved its short-term trend status from Decreasing to Stable*** *(Min. Pairs: - 0.27%; Max. Pairs: -0.26%) and remained Stable in the long-term trend (Min. Pairs: -0.28%; Max. Pairs: -0.32%)."*[1]

*Abbażi ta' dan il-Kumitat Ornis kien irrakkomanda li l-istaġun tal-kaċċa għall-gamiema fir-Rebbiegħa jinfetaħ fuq parametri identiċi meta mqabbla ma' dawk tar-Rebbiegħa tal-2022. Il-popolazzjoni tal-gamiem fl-2023 kienet tammonta għal bejn 108,551 u 209,163 pari gamiem iżda sabiex ġiet applikata d-deroga intuża n-numru baxx u ċioè 108,551 pari gamiem u dan ai termini tal-Guide to Sustainable Hunting under the Birds Directive fuq ċitat;*

10. *Birdlife Malta lanqas fl-2023 ma kienet kuntenta bir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat Ornis, u għalhekk intavolat proċeduri bħal dawk odjerni bin-numru ta' referenza 542/2023/1 GMG. Din l-Onorabbli Qorti, diversament presjeduta, wara li rat ir-rikors tar-rikorrenti li bih talbu l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex il-Qorti żżomm lill-intimati milli jiftħu l-istaġun tal-kaċċa fir-Rebbiegħa għas-sena 2023 fuq l-ispeċi tal-gamiema, iddeċidiet:*

***"Ghalhekk wara li rat l-atti kollha tar-rikors u semghet lill-partijiet, billi jirrizulta li l-kawzali ta' dan ir-rikors kien mertu ta' rikors precedentement deciz, filwaqt illi tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-eccezzjonijiet preliminari l-ohra tal-intimati;***

***1) Tilqa' l-eccezzjoni preliminari tal-intimati u konsegwentament;***

***2) Tirrevoka contrario imperio d-digriet taghha tat-3 t'April 2023 li bih laqghet provvizorjament it-talba ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimati;***

***3) Tichad it-talba tal-ghaqda rikorrenti ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni***

***Bl-ispejjez kontra l-ghaqda rikorrenti.***

***Tordna notifika ta' dan id-digriet lill-partijiet."***

*Kopja ta' dan id-digriet qed tiġi annessa u mmarkata bħala Dok. D. Dan id-digriet fil-qosor, warrab l-argumenti ta' Birdlife Malta għaliex kienu identiċi għal dawk tas-sena ta' qabel;*

11. *Is-sena li għaddiet l-istatus tal-gamiem għal darb'oħra baqa' stabbli u sabiex il-Kumitat Ornis wasal għar-rakkomandazzjoni tiegħu, il-Kumitat Ornis qgħad għal darb'oħra fuq ir-rapport tal-Wild Birds Regulation Unit intitolat Report on the Conservation Status of the European Turtle-dove (Streptopelia turtur) and Common Quail (Coturnix coturnix), li ġie aġġornat fi Frar 2024 (anness u mmarkat Dok F) li jgħid hekk fil-paġna 53:*

   *"3.5 The majority of Turtle-doves that migrate over Malta breed in Italy (61.9%). The Italian population is stable in the short-term and increasing in the long term trend. Based on the latest Article 12 reporting cycle (2013-2018), Malta's Turtle-dove EU reference population* ***improved its short-term trend status from Decreasing to Stable*** *(Min. Pairs: -1.65%; Max. Pairs: -1.44%)."*

   *Skont id-data fuq ċitata il-popolazzjoni tal-gamiem fl-2024 kienet tammonta għal bejn 115,698 u 225,857 pari gamiem[2] iżda sabiex ġiet applikata d-deroga intuża n-numru baxx u ċioè 115,698 (bħas-soltu) pari gamiem u dan ai termini tal-Guide to Sustainable Hunting under the Birds Directive fuq ċitat. Għalhekk il-Kumitat Ornis irrakkomanda li l-istaġun tal-kaċċa għall-gamiema fir-Rebbiegħa jinfetaħ f'dik is-sena wkoll, fuq parametri identiċi meta mqabbla ma' dawk tar-Rebbiegħa tal-2022 u tar-Rebbiegħa tal-2023;*

12. *Birdlife Malta ma kinitx kuntenta b'dan u għal darb'oħra għamlet rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni li ukoll ma rnexxix. Din l-Onorabbli Qorti, diversament presjeduta, rrifjutat l-isemmi rikors (numru 556/2024/1 FDP)(kopja tad-digriet hija annessa u mmarkata bħala Dok F) u osservat:*

   *"Il-Qorti,*

   *Wara illi rat l-atti ppreżentati quddiemha u semgħet is-sottomissjonijiet orali ta' l-abbli difensuri tal-partijiet;*

   *Wara illi għamlet il-konsiderazzjonijiet fuq premessi;*

   *Tiddeċiedi t-talba magħmula fl-4 ta' April 2024 billi:*

   ***Tiċħad*** *it-talba għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni u għalhekk:*

   ***Tirrevoka*** *contario imperio id-digriet tagħha tal-4 ta' April 2024."*

   *Din is-sena, l-għaqda rikorrenti, wara r-riżultati tas-snin passati, donnha ħasbet li jkun aħjar jekk taġixxi f'dan l-istadju, qabel il-laqgħa tal-Kumitat Ornis, għax b'hekk tiżgura ruħha li r-rakkomandazzjoni dwar il-ftuħ tal-*

*istaġun tal-kaċċa għall-gamiema fir-rebbiegħa ma ssirx, u jekk ir-rakkomandazzjoni ma ssirx, allura r-rikorrenti ma jkollhiex għalfejn tilmenta dwar l-eżitu ta' diskussjoni u votazzjoni indipendenti. Din is-sena, fil-fatt, għad m'hemm ebda rapport adottat mit-Taqsima għar-Regolamentazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi, għaliex wara li l-abbozz ta' dan ir-rapport kien iċċirkolat mal-membri kollha tal-Kumitat Ornis, inkluż ma' rappreżentant tal-għaqda rikorrenti, flimkien mal-agenda tal-laqgħa li kellha ssir fit-12 ta' Marzu 2025, il-kap eżekuttiv tal-għaqda rikorrenti, ossia s-sur Mark Sultana, bagħat jinforma lill-Kumitat Ornis li minn naħa tagħhom kellhom bżonn aktar żmien sabiex ikunu jistgħu jippreparaw ruħhom sew għal-laqgħa, u talbu li l-laqgħa ssir fit-18 jew fl-20 ta' Marzu 2025, kif tixhed il-korrispondenza li kopja tagħha qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok G'. Wara li l-membri tal-kumitat qablu li l-laqgħa setgħat issir fil-21 ta' Marzu, ir-rikorrenti għażlet li minflok teżamina d-dokumenti li kellha quddiemha sabiex tiprepara ruħha sew għal-laqgħa tal-Kumitat Ornis, tuża d-dokumenti u l-informazzjoni li kellha quddiemha bħala membru tal-Kumitat Ornis sabiex twaqqaf lill-istess Kumitat Ornis milli jaqdi l-funzjonijiet tiegħu ai termini tal-L.S. 549.42. B'hekk, lejliet festa pubblika, l-għaqda rikorrenti nehdiet ir-raba' mandat konsekuttiv bil-għan li, kif tistqarr hija stess fil-premessi tar-rikors tagħha, terġa' tipprova twaqqaf lill-Gvern milli jiftaħ l-istaġun tal-kaċċa għall-gamiema fir-Rebbiegħa. Dan minkejja l-fatt li sa issa għadha ma ttieħdet ebda deċiżjoni f'dan is-sens;*

13. *In oltre, bl-iktar mod inetiku, Birdlife Malta eżebiet dokumenti li huma working documents privileġġjati ai termini tal-artikolu 637 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, liema dokumenti u abbozzi kienu ċċirkolati bil-għan li jiġu diskussi quddiem il-Kumitat Ornis. Ir-rapport li tagħżel li tikkritika r-rikorrenti tramite l-affidavit tal-President tagħha, fil-fatt, għadu mhux iffinalizzat, kif juru t-track changes li hemm fih, u naturalment għadu ma ġiex adottat, iżda l-għaqda rikorrenti diġà ppreżentat l-abbozz fl-atti quddiem din l-Onorabbli Qorti. B'hekk, minflok ħadet l-okkażjoni sabiex twassal il-kritika tagħha għall-figuri kontenuti fir-rapport quddiem il-Kumitat Ornis bħala l-forum kompetenti, ir-rikorrenti irrikorriet quddiem din l-Onorabbli Qorti, u bħal donnha qiegħda tiprentendi li din l-Onorabbli Qorti għandha tassumi l-funzjoni tal-Kumitat Ornis. Dan l-aġir bl-ebda mod m'għandu jkun aġevolat, anzi għandu jkun ikkundannat minn din l-Onorabbli Qorti. Dwar l-imsemmija dokumenti, kontestwalment ma' din ir-risposta l-esponent qiegħed jintavola rikors sabiex dawn id-dokumenti jiġu sfilzati;*

*B'dak kollu sottomess, u sabiex jikkonkludi din il-parti dwar is-sfond fattwali li għandha twassal għar-raba eċċezzjoni tal-esponent, l-esponent jirrileva illi t-talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni preżenti* ***<u>hija intempestiva għal kollox</u>****. F'dan l-istadju* ***ma hemm ebda indikazzjoni jekk l-istaġun tal-kaċċa fir-Rebbiegħa huwiex ser jinfetaħ jew le****. Iżda wara li għal tliet snin konsekuttivi, din l-Onorabbli Qorti, diversament presjeduta, ma laqgħatx it-talba tar-rikorrenti għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex il-Gvern ta' Malta japplika deroga li tippermetti l-kaċċa għall-gamiema fir-rebbiegħa, din is-sena r-rikorrenti ħasbet li jkun aħjar jekk tipprova twaqqaf id-diskussjoni dwar is-suġġett u l-votazzjoni relattiva fil-Kumitat Ornis li*

*twassal għar-rakkomandazzjoni dwar jekk l-istaġun tal-kaċċa għandux jinfetaħ jew le. Din il-manuvra ġdida, filwaqt li hija kreattiva, tixhed arroganza liema bħalha, u tikxef kif ir-rikorrenti hija disposta li tagħmel kollox diment li tgħaddi tagħha. Wara kollox, minkejja l-libsa l-ġdida li r-rikorrenti ppruvat tlibbes lill- mandat, huwa ċar kristall illi dak li qiegħda tagħmel l-għaqda attriċi huwa dak li diġà għamlet fl-2022, fl-2023 u fl-2024, u b'dak stabbilit l-esponenti jistgħu jgħaddu għar-raba eċċezzjoni preliminari tagħhom;*

***<u>Ir-Raba' Eċċezzjoni Preliminari - Każ Pależ ta' Forum Shopping</u>***

14. *Minkejja illi l-għaqda rikorrenti qiegħda tipprova twaqqaf laqgħa ta' kumitat konsultattiv milli ssir, huwa ċar x'inhu l-għan aħħari tal-għaqda attriċi f'dan il-każ. Dan tgħidu l-għaqda rikorrenti stess fir-rikors tagħha:*

*"l-esponent ilha tipprova twaqqaf lill-Gvern milli jiftaħ l-istaġun tal-kaċċa rebbiegħa (sic) ta' din l-ispeċi t'għasfur vulnerabbli għal diversi snin u matul dawn l-aħjar (sic) ftit sin intavolat xejn inqas minn tlett mandati ta' inibizzjoni (li ġew miċħuda) u kif ukoll kawża quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili (rikors ġuramentat numru 1067 2022 MS) li għadha għaddejja. F'din tal-aħħar, il-Qorti għandha tiddeċiedi il-mertu ċioe jekk id-deroga li japplika il-Gvern biex jiftaħ l-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa tal-ispeċi vulnerabbli Streptopelia Turtur hijiex tabilħaqq kontra l-liġi jew le.*

*Għaldaqstant huwa pależ illi dan ma huwa xejn għajr forum shopping min-naħa tal-għaqda attriċi. Dan qalitu din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta għal sentejn konsekuttivi, iżda l-għaqda rikorrenti minflok titgħallem mid-diversi digrieti konkordanti ta' din l-Onorabbli Qorti u turi sens ta' umiltà, tibqa' twebbes rasha u tressaq l-istess argumenti rriċiklati quddiem din l-Onorabbli Qorti;*

*Mis-silta fuq ċitata mir-rikors tal-għaqda attriċi, joħroġ in-nuqqas ta' serjetà tal-għaqda rikorrenti, partikolarment fejn tgħid li din l-Onorabbli Qorti, diversament presjeduta, fi tlett okkażjonijiet, bi tlett ġudikanti differenti, kienet żbaljata għaliex l-għaqda attriċi kienet "right all along". Mhux talli hekk, talli qiegħda tgħid illi l-Qorti qed tħalli illegalità tkompli u saħansitra flimkien mal-istat hija kompliċi minħabba li rrifjutat li jinħareġ mandat ta' inibizzjoni għal tlett (3) snin in fila;*

*Fl-intransiġenza tagħha, l-għaqda attriċi naqset milli tinduna illi dak li qiegħda tipproponi huwa* ***proċeduralment monk*** *u dan ai termini tal-artikolu 836 (5) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid is-segwenti:*

*"(5)* ***<u>Ma għandu jsir ebda appell u kontestazzjoni minn digriet li jilqa' rikors imsemmi fis-subartikolu (1), u dan id-digriet ikun finali u irrevokabbli</u>****; u barra l-każ kontemplat fis-subartikolu (1)(a) ebda att kawtelatorju bħal dak ma jista' jinħareġ biex jiggarantixxi l-pretensjoni kontra l-persuna li kontriha l-att kawtelatorju hekk revokat ikun inħareġ, kemm-il darba fir-rikors għall-ħruġ ta' dak latt kawtelatorju bħal dak ir-rikorrent ma jiddikjarax li jkunu nqalgħu ċirkostanzi minn meta ġie revokat l-att kawtelatorju ta' qabel, li jiġġustifikaw il-ħruġ ta' att kawtelatorju ġdid*

*bħal dak li jkun ġie revokat, u d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom, ma' dan, japplikaw għal dak l-att kawtelatorju maħruġ mill-ġdid bis-saħħa ta' dak ir-rikors." (enfażi tal-esponenti)*

*Flimkien ma' dak li tgħid il-liġi, l-esponenti jagħmlu referenza għad-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti kif presjeduta fl-atti tar-rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni fl-ismijiet* ***Stephen Attard vs Yana Spiteri pro et noe****, fejn il-Qorti għamlet l-osservazzjonijiet segwenti:*

*"Qieset illi dan huwa t-tielet attentat ta' mandat ta' inibizzjoni mressaq fir-rigward tal-istess procedura ta' dixxiplina, liema tliet mandati huma kollha msejsa fuq pretensjoni ta' nuqqas ta' smigh xieraq, u l-Qorti tirreferi ghad-digrieti tal-mandati preċedenti, u ghal numru ta' mandati ohrajn illi jghidu car illi m'ghandux ikun hemm multiplikazzjoni ta' mandati dwar l-istess mertu bhal donnu jkun qed isir forum shopping.*

*Izzid tghid illi dan qed jinghad ukoll peress illi l-Qorti ma tqisx gust illi ma' kull intopp illi persuna jista' jiltaqa' magha jew aghar minn hekk ma' kull decizjoni anke provizorja illi Bord ta' Dixxiplina jista' jiehu u li maghha ma jkunx jaqbel, allura jfisser illi hemm ksur ta' drittijiet fondamentali u konsergwentament ikun ifisser illi wiehed jista' jressaq il-pretensjonijiet tieghu u t-talbiet tieghu fil-forma ta' mandat ta' inibizzjoni. Dan qed jinghad peress illi jirrizulta illi l-Bord ta' Dixxiplina effettiva ghadu ma hax decizjoni dwar jekk l-akkuzi mahrugin fil-konfront tar-rikorrenti, monki kif allegati mid-dati li jirreferu għalihom l-akkużi, ghandhomx mis-sewwa jew le;"[1]*

*F'dak il-każ, individwu prova jutilizza l-mandat ta' inibizzjoni tlett darbiet u minħabba dan din il-Qorti ċaħditlu t-talba għal ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni. Fil-każ de quo, din l-Onorabbli Qorti hija rinfaċċjata b'sitwazzjoni simili iżda għar-raba' darba. L-esponent jirreferi ukoll għal digriet ieħor ta' din l-Onorabbli Qorti, diversament presjeduta fl-ismijiet* ***Jacky System vs Centurionbet Ltd*** *tat-23 ta' Frar 2016:*

*"Tqis li, lil hinn minn kemm jista' jkollha raġun Jacky fil-pretensjonijiet tagħha kontra Centurion, mhuwiex xieraq li kreditur jitħalla jressaq listess talba minkejja li talba jew talbiet bħal dawk ma jkunux intlaqgħu qabel. Dan jibqa' jgħodd, naturalment, sakemm il-kreditur ma jurix li kien hemm raġuni tajba u ċirkostanzi xierqa li juru li jiġġustifikaw il-ħruġ ta' att kawtelatorju ieħor;*

***Tqis li din hija t-tifsira xierqa tal-kelma u l-ispirtu tal-liġi, b'mod partikolari fejn jirrigwarda Mandati ta' Inibizzjoni, u jidher li, b'rabta ma' Mandati kawtelatorji, fil-liġi nsibu dispożizzjoni espressa f'dan id-dawl (Ara art. 836(5) tal-Kap 12) . Il-Qorti tqis li, kieku ma tingħatax din it-tifsira, tinħalaq it-tentazzjoni li parti tibqa' tistad bl-istess talbiet quddiem l-istess Qorti, presjeduta kull darba minn ġudikant ieħor, sakemm, jew bit-tama li, fl-aħħar tiġiha tajba. Dan il-mod ta' kif isir***

[1] Rikors għal ħrug ta' mandat ta' inbibizzjoni numru 254/2024/1, deċiż 4/3/2024/

***forum shopping ma huwiex ta' min iħallih isir u wisq anqas jinkoraġġih;***

*Tqis li Jacky ma wriet bl-ebda mod li, minn Diċembru tal-2015 'l hawn kien hemm xi bdil ta' ċirkostanzi li jwassal biex jiġġustifika li ssir l-istess talba għall-ħruġ tal-istess Mandat. Is-sottomissjoni sinċiera tal-għaref difensur ta' Jacky li l-kumpannija rikorrenti ma taqbilx mar-raġunijiet li wasslu lil din il-Qorti diversament presjeduta biex tiċħad l-ewwel talba tagħha ma jistgħu bl-ebda mod jitqiesu bħala 'ċirkostanza ġdida' biex tiġġustifika t-tennija ta' talba għall-ħruġ tal-Mandat minnha mitlub. Imbagħad, huwa wkoll tajjeb l-argument ta' Centurion li lanqas ma għandha talba għall-ħruġ ta' Mandat kawtelatorju sservi bħala 'appell' minn jew 'rikonsiderazzjoni' tal-provvediment li jkun ingħata minn ġudikanti oħra;"[2] (enfażi u sottolinear tal-esponenti)*

*Applikat dan l-insenjament għall-każ odjern, hawnhekk l-għaqda attriċi għal darb'oħra u fuq ammissjoni tagħha stess ma hija tgħid xejn ġdid iżda qiegħda tkompli twebbes rasha u tippersisti bl-istess argumenti rriċiklati li diġà ġew miċħudin tlett darbiet. Nibdew mid-digriet tal-2023, fejn din l-Onorabbli Qorti laqgħet eċċezzjoni identika għal din:*

*"21. L-intimati jaghmlu ukoll referenza ghad-decizzjoni fir-rikors ghall-mandat ta' inibizzjoni 519/2018/1 fl-ismijiet* ***Daniel Farrugia vs F&F Portelli Investments Limited (C61109)*** *tat-3 ta' Mejju, 2018 fejn kien ritenut hekk:*

*22. "Fil-fehma tal-Qorti galadarba l-ewwel mandat intavolat mir-rikorrent gie ezaminat fil-mertu u michud, ir-rikorrenti ma jistghax jintavola mandat iehor fuq l-istess kawzali sakemm ma jkunx hemm bdil fic-cirkostanzi. F'dan il-kaz, ma jirrizultax illi kien hemm tali bdil; ir-rikorrenti intavola ezatt l-istess mandat, ghall-istess ragunijiet, u s-socjeta' intimata intavolat ezatt l-istess risposta hlief ghall-argument rigward il-prezentata ta' dan il-mandat li skont hi, tissarraf f'abbuz tal-process gudizzjarju. Ghalhekk , galadarba ma jirrizulta ebda bdil sostanzjali fic-cirkostanzi tal-partijiet, il-Qorti tqis illi r-rikorrent ma setghax jintavola dan il-mandat, meta kien diga intavola mandat iehor fuq l-istess kawzali li kien gie michud – altrimenti dan isarraf mhux biss f'abbuz ta' proceduri legali u forum shoppoing izda jaghti lok ghall-pregudizzju gravi tal-venditur li jista' jigi inibit ripetutament bl-akkordar provvizorju ta' mandati ta' inibizzjoni successivi. Din certament ma kienet qatt l-intenzjoni tal-Legislatur Malta";*

*23. Il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex ma ghandhiex issegwi dak ritenut sal-lum u ghalhekk jokkorri jkun ezaminat jekk, kif jallegaw l-intimati, l-mertu tar-rikors odjern ghandux mill-kawzali gia deciz f'rikors iehor.* ***Gia fis-sottomissjonijiet orali tieghu l-abbli difensur tal-ghaqda ddikjara li***

[2] Rikors għal ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni numru 134/16 JRM

***ghandu dritt jaghmel u ser jibqa' jaghmel rikors bhal dak odjern ghaliex l-ghaqda ghandha jedd li ttiha l-ligi biex taghmel hekk;***

*(...)*

*29. Illi din is-sitwazzjoni hija identika ghal-dik prevalenti fis-sena 2022 b'hekk huwa evidenti li ma kien hemm l-ebda "bdil fic-cirkostanzi" minn dawk li dwarhom iddeciedet il-Qorti fil-mandat tal-2022 u li konsegwentement ma jaghtu ebda dritt lill-ghaqda li terga tipproponi dan il-mandat. [3]" (enfażi u sottolinear tal-esponent)*

*Mid-digriet fuq ċitat, jidher ċar x'inhu l-modus operandi tal-għaqda attriċi, ossia li tibqa' tipprova bil-għan li xi darba forsi ġġiba żewġ, bħallikieku l-proċeduri ġudizzjarji huma xi biljett tal-lotterija. Bi sfiq ma' dan, kien hemm kunsiderazzjonijiet identiċi ukoll fid-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta fl-2024. Permezz ta' dan id-digriet, din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta tat spjega tajba taf kif żvolġew l-affarjiet s'issa:*

*"27. Jirriżulta illi l-ewwel Mandat ta' Inibizzjoni ma kellux suċċess għax il-Qorti,* ***korrettement, qieset illi l-Avviż Legali minnhom ikkontestat, ossija Avviż Legali 116 tas-sena 2022, seta' jiġi kkontestat permezz ta' azzjoni ad hoc, u għalhekk il-pretensjonijiet tal-Għaqda rikorrenti ma kinux ser jiġu irrimedjabbilment preġudikati ladarba huma setgħu jikkontestaw tal-leġislazzjoni fil-fora appożita.***

*28. Jirriżulta illi t-tieni Mandat ta' Inibizzjoni ma kellux suċċess għax il-Qorti,* ***korrettement, kienet qieset illi ma kien hemm ebda tibdil ta' ċirkostanzi illi jwasslu lill-Qorti sabiex "tvarja" il-posizzjoni meħuda fl-ewwel Mandat ta' Inibizzjoni, w minflok tilqgħu.***

*29. Jirriżulta illi fil-każ odjern, ossija t-Tielet Mandat ta' Inibizzjoni, din il-Qorti kienet qed tistenna lill-Għaqda rikorrenti sabiex tippreżenta dokumentazzjoni u provi illi juru illi kien hemm tibdil sostanzjali fiċ-ċirkostanzi illi għandhom jwasslu lil dina l-Qorti sabiex tiskarta dak ġia deċiż fl-ewwel Mandat ta' Inibizzjoni kif ukoll fit-tieni Mandat ta' Inibizzjoni, u minflok takkorda l-ħruġ ta' tali Mandat ta' Inibizzjoni.*

*30.* ***Madanakollu, din il-Qorti ma tistax ma tosservax illi, mill-assjem tad-dokumentazzjoni prodotta, ma jidher minn imkien illi b'xi mod kien hemm xi tibdil sostanzjali ta' ċirkostanzi illi b'xi mod jistgħu jwasslu lill-Qorti għal deċiżjoni differenti minn ta' qabilha.***

*(…)*

*36. Semmai, l-Għaqda rikorrenti messha talbet lil dik il-Qorti edotta mill-fatti kollha talkaż sabiex tieħu l-provvedimenti opportuni, jekk jidhirlha meħtieġa*

[3] Rikors għal ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni numru 542/23 GG – deċiża 17 t'April 2023.

*biex tipprotegi linteressi tal-Għaqda rikorrent, u mhux tirrikjedi Qorti oħra, mhux ben edotta bil-fatti kollha, sabiex tieħu tali deċiżjoni –* ***dana ma jistax ħlief jitqies bħala każ ċar u lampanti ta' 'forum shopping' fejn l-Għaqda rikorrenti tittenta xortiha b'talba identika għal dik tas-snin preċedenti, bit-tama illi xi ħadd differenti jagħtiha raġun.****"*[4] *(enfażi u sottolinear tal-esponent)*

*L-esponenti jagħmlu t-tagħlim fuq ċitat tagħhom. Fil-każ odjern ma nġabet ebda prova ta' bdil materjali fiċ-ċirkostanzi. Fil-fatt, l-abbozz li ċċirkolat il-WBRU mal-membri tal-Kumitat Ornis għadu ma ġiex adottat u għadu lanqas biss ġie diskuss quddiem il-Kumitat Ornis, u għalhekk l-umli domanda tal-esponenti hija 'x'ċirkostanzi nbidlu?' It-tweġiba hi ma nbidel assolutament xejn.*

*Minkejja dan, jekk tagħsar l-argumenti tal-għaqda rikorrenti, huwa ċar illi hawnhekk l-għaqda rikorrenti qiegħda tipprova tgħatti x-xemx bl-għarbiel billi tintavola r-rikors tagħha qabel ma tingħata r-rakkomandazzjoni mill-Kumitat Ornis. Madanakollu m'hemm ebda dubju li l-għan aħħari f'dan il-każ* ***huwa identiku għal dak tas-snin ta' qabel*** *u għaldaqstant din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex taġevola dan l-aġir abbużiv tal-għaqda rikorrenti u għandha tiċħad it-talba tagħha;*

***Dwar il-Mandat ta' inibizzjoni***

15. *L-esponenti jinsabu żbalorditi kif minkejja l-fatt illi din ir-raba' darba li qegħdin jintavolaw rikors sabiex jinħareġ il-mandat ta' inibizzjoni, l-għaqda rikorrenti ma tgħid* ***xejn*** *dwar ir-rekwiżiti meħtieġa sabiex jinħareġ mandat ta' inibizzjoni. Dan in-nuqqas ikompli juri n-nuqqas ta' serjetà tal-għaqda attriċi;*

16. *L-artikolu 873 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid:*

*"**873**. (1) L-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tkun li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.*

*(2) Il-Qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk id-drittijiet.*

*(3) Il-qorti m'għandha toħroġ ebda mandat bħal dak kontra l-Gvern jew awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga uffiċjali tagħha kemm-il darba l-awtorità jew il-persuna li kontra tagħha jintalab il-mandat ma tikkonfermax fil-qorti bil-miftuħ li l-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma tkun fil-fatt maħsuba li ssir, u l-qorti tkun sodisfatta, wara li tisma' l-ispjegazzjonijiet mogħtija, li kemm-il darba ma jinħariġx il-mandat, il-preġudizzju li jinħoloq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun*

[4] ***Birdlife Malta vs il-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir et*** digiret datat 9 t' April 2024 (Rikors għal ħruġ ta' mandat ta'inibizzjoni numru 556/2024/1 FDP).

*sproporzjonat meta mqabbel mal-istess għemil tal-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma."*

*Minn dan fuq ċitat joħorġu x'inhuma l-kweżiti għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni:*

i. *Irid jiġi ppruvat li r-rikorrent għandu xi jedd prima facie* ***(l-ewwel kweżit);***

ii. *Il-Qorti trid tkun sodisfatta li l-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu dawk il-jeddijiet li r-rikorrent qiegħed jippretendi li għandu* ***(it-tieni kweżit)****;*

iii. *Il-Qorti trid tkun sodisfatta li dak li qed jitlob ir-rikorrent illi l-intimat jiġi inibit milli jagħmel, jaf jikkawża preġudizzju lir-rikorrent jekk il-mandat ma jiġix akkordat* ***(it-tielet kweżit)****.*

*Bi sfiq ma dan, is-subartikolu (3) tal-istess artikolu jispeċifika li ebda mandat m'għandu jinħareġ fil-konfront tal-Gvern, awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew persuni li jkollhom karigi pubbliċi fil-karigi uffiċċjali tagħhom jekk ma jintweriex li l-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma tkun fil-fatt maħsuba li ssir u jekk ma jkunx hemm preġudizzju sproporzjonat lil min jitlob il-ħruġ tal-mandat;*

17. *Sa fejn jidħol il-jedd prima facie, l-esponent jirreferi għad-digriet fl-ismijiet* ***Victor Sultana vs Julian Sultana***[5]
*"Rigward l-element tal-prima facie il-Qorti tal-Appell (Grech pro et noe v Manfre', Qorti ta' l-Appell, deċiża 14 ta' Lulju, 1988) ikkonkludiet illi dan huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv. Ma hix kwestjoni ta' diskrezzjoni tal-ġudikant. Fi kliem ieħor il-jedd irid jidher 'prima facie', jiġifieri ma' l-ewwel daqqa t'għajn. Għalhekk l-eżami tal-Qorti f'dan l-istadju preliminari tal-kontestazzjoni bejn il-partijiet m'għandhiex tkun waħda approfondita imma limitata għall-apprezzament tal-elementi ġuridiċi u fattwali fuq bażi prima facie.* ***Wieħed irid jagħraf ukoll li l-jedd li jeħtieġ jitħares mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikulta`, disaġju jew tħassib****. (Fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni fl-ismjiet Cassar Pullicino noe vs Caruana Curran noe et, Qorti tal-Kummerċ 26-05-1995.)" (enfażi u sottolinear tal-esponenti)*

*Issir ukoll referenza għad-digriet mogħti fl-ismijiet* ***Helen Mercieca et vs. Inginier Joseph Bajada*** *fejn intqal:*

*"Illi kulma huwa meħtieġ, u fl-istess ħin huwa biżżejjed, għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni, [huwa] li jkun hemm fumus boni iuris. Huwa loġiku li billi l-mandat ta' inibizzjoni huwa att kawtelatorju li jrid jinħareġ qabel ma jiġi aċċertat min għandu raġun, il-mandat jinħareġ favur dak li "jidher" (fi kliem l-istess liġi) mal-ewwel daqqa t'għajn li għandu raġun. Iġifieri b'mod verosimili jew plawsibbli, fi kliem ieħor b'mod li jitwemmen jew ikun kredibbli. Dan min-naħa l-waħda jeskludi pretenzjonijiet li huma frivoli jew assurdi, jew saħansitra fejn hemm mera possibilta', u min-naħa l-oħra*

[5] Rikors għal ħrug ta' mandat ta' inibizzjoni numru 4/2020, Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri (Sezzjoni Ġenerali), 17 ta' Frar 2020.

*jeskludi l-ħtieġa li l-pretenzjoni jkollha probabbilta' kbira li tintlaqa'. Dan hu konformi maċ-ċirkostanza li proċedura ta' din ix-xorta hija intiża sabiex tkun sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dan, kulma jmissu jitressaq quddiemha, waqt is-smiegħ tal-kawża dwar il-jedd. Dan billi fil-proċess dwar il-mertu, l-iskop hu li jiġi aċċertat x'inhu d-dritt fil-każ konkret, filwaqt li l-iskop tal-proċess għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni għandu biss il-funzjoni strumentali li jikkawtela pretenzjoni ta' dritt, anke jekk din tista' ma tkunx fondata, sakemm ikun hemm pronunzjament ġudizzjarju dwar jekk hix tabilħaqq fondata fid-dritt jew le."* [6]

*Referenza issir ukoll għad-digriet fl-ismijiet* ***Mario Zammit et vs Silvio Scerri****:*

*"Unikament ghall-fini tal-akkoljiment o meno tat-talba, mhux kompitu ta' din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu. Hadd mill-partijiet ma jista' jew m'ghandu jippretendi li mad-"daqqa t'ghajn" ghandha tkun propju din il-Qorti li tiddeciedi hi l-mertu talkwistjoni bejn il-partijiet bil-procedura specjali u partikolari tal-Mandat ta' Inibizzjoni. Dan kollu qed jinghad sabiex il-kontendenti jifhmu li l-mansjoni ta' din il-Qorti mhuwiex li tiddeciedi finalment dwar il-pretensjonijiet taghhom fil-mertu izda huwa limitat u cirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-ligi sabiex ikun operattiv il-mandat."* [7]

*B'hekk nistgħu ngħaddu għat-tieni rekwiżit u ċioè jekk il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni huwiex meħtieg l-esponent jirreferi għad-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet* ***Vitus Chibuihe Ohanebo vs il-Kummissarju tal-Pulizija bħala Principal Immigration Officer****:*

*"Tqis li l-ħtieġa għall-ħruġ ta' Mandat bħal dan tintrabat sewwa ma' l-fatt jekk il-ħsara li minnha l-parti rikorrenti tilminta tistax tkun waħda li ma tistax tissewwa mod ieħor. Jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, mqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu (P.A. AM* ***2.1.1993*** *fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet* ***Avukat Victor Borġ Grech vs Joseph Gasan et noe),*** *jiġi nieqes it-tieni element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat;"*[8]

*Ili dwar* ***it-tielet rekwiżit****, u ċioè li l-preġudizzju li ser isofri r-rikorrent huwa wieħed irrimedjabbli, referenza ssir għad-digriet fl-ismijiet* ***J. Farrugia Properties Ltd vs. Annalise Farrugia***[9] *fejn jingħad illi:*

*"Jidher iżda li element komuni fit-tlett frażijiet hu li jkun hemm il-periculum in mora; li, kif fuq spjegat ifisser il-periklu li kemm-il darba eventwalment ikun hemm pronunzjament definittiv dwar id-dritt pretiż, is-sentenza ma tkunx tista' tiġi esegwita b'mod effettiv."*

---

[6] Rikors għal ħruġ ta' mandat ta' inibizzjonii numru 1742/2016/1LM, deċiż 12 ta' Diċembru 2016.
[7] Rikors għal ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni numru 1164/2020 TM, 16 t' Ottubru 2020.
[8] Rikors għal ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni numru 1935/2009/1 JRM, deċiż 18 ta' Diċembru 2009.
[9] Rikors għal ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni numru 1715/2019/1, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 30 ta' Diċembru 2019

*Illi dwar dan il-punt, l-esponenti jagħmlu wkoll referenza għad-digriet fl-ismijiet **Santumas Shareholdings Limited vs. Aquarius Properties Limited**[10] fejn ġie deċiż li:*

*L-interpretazzjoni ta' dak imsemmi taht dan l-aspett [l bhala rekwizit] hi li mhux bizzejjed li rikorrent juri li ser isofri xi pregudizzji, izda wkoll li tali pregudizzju jrid ikun irriparabbli; ghax il-Qorti ma tohrogx il-mandat ta' inibizzjoni meta jkun hemm rimedju adegwat ghar-rikorrent. Irid ikun kif jghid it-test bl-ingliz "**necessary**".*

*Dawn l-elementi huma kumulattivi u mhux alternattivi:*

*"L-elementi li jwasslu għall-ħruġ tal-Mandat huma kumulattivi mhux alternattivi u għalhekk jekk xi wieħed minnhom ma jirriżultax, il-Qorti hija obbligata tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' l-Mandat. Barra minn hekk huma kriterji oġġettivi u fl-applikazzjoni tal-liġi dwar kif u meta għandu jinħareġ mandat il-Qorti għandha tuża nterpretazzjoni restrittiva. Il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni huwa mandat kawtelatorju li jsir fi żmien meta l-pretensjoni ma tkunx għadha ġiet ġuridikament aċċertata u stabbilita. Għalhekk hija meqjusa proċedura eċċezzjonali u straordinarja (Ulrich Barfuss v Perit John u Mariella konjuġi Gambina, Rik. Nru. : 1103/19, 26 ta' Settembru, 2019).[11]"*

*B'żieda ma' dan kollu, fil-każ odjern il-mandat qiegħed jintalab li jinħareġ fil-konfront tal-Gvern u għaldaqstant huwa applikabbli s-subinċiż (3) tal-Artikolu 873. Dan is-subinċiż jispeċifika li ebda mandat ma għandu jinħareġ kontra l-Gvern sakemm ma jintweriex li dik il-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma fil-fatt tkun ser issir u l-Qorti tkun sodisfatta li, jekk ma jinħariġx il-mandat, il-parti li tkun qed titlob il-ħruġ tal-mandat tkun ser issofri preġudizzju sproporzjonat meta mqabbel mal-għemil tal-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma;*

***<u>Il-Jedd Prima Facie u jekk il-mandat huwiex meħtieġ sabiex jiġi kkawtelat dan il-jedd.</u>***

18. *Fl-ewwel lok, għal darboħra l-għaqda rikorrent naqset illi tindika x'inhu l-jedd prima facie li għandha f'dan il-każ li għandu jiġi kawtelat. Għaliex sabiex jirnexxi mandat, tajjeb jiġi sottolineat, rikorrent irid jipprova li għandu jedd prima facie li jista jiġi biss kawtelat permezz ta' mandat ta' inibizzjoni. Ta' kull sena, l-esponent jispiċċa f'diffikolta jipprova jifhem x'inhu l-jedd prima facie li l-għaqda rikorrenti qiegħda tipprova tikkawtela;*

19. *It-talba f'dan il-każ hija sabiex jitwaqqaf il-Kumitat Ornis milli jikunsidra, jiddiskuti, jiddieċiedi permezz ta' vot u/jew jirrakkomanda il-ftuħ tal-kaċċa fir-rebbiegħa għall-gamiem. Ta' min jgħid li l-Kumitat Ornis huwa stabbilit taħt il-Liġi Sussidjarja 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta, u fost il-funzjonijiet tiegħu huwa għandu d-dmir u l-obbligu illi jiddiskuti u jagħti rakkomandazzjonijiet dwar jekk għandhiex tiġi applikata deroga li tippermetti l-kaċċa. Din id-*

[10] Rikors għal ħruġ ta' mandat ta inibizzjoni numru 330/2007/1 LFS , Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 3 ta' April 2007.
[11] Ara *Victor Sultana vs. Julian Sultana* ċitata supra.

*deroga ma vvintawhiex l-esponenti iżda toħrog mid-Direttiva 2009/147 KE (id-Direttiva tal-Għasafar);*

20. *Ir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat Ornis, kif rikonoxxut mill-għaqda rikorrenti, ma torbotx lill-Ministru responsabbli li jiftaħ l-istaġun tal-kaċċa. Iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ odjern juru li kien hemm laqgħa tal-Kumitat Ornis skedata għall-21 ta' Marzu 2025, fejn fost l-oħrajn kellha tiġi diskussa l-kaċċa fir-rebbiegħa għall-gamiem u s-summien li ġiet miżmuma milli ssir. Allura wieħed jistaqsi x'inhu l-jedd li trid tikkawtela l-għaqda attriċi f'dan il-każ?*

a. ***Jekk b'ġibda tal-immaġinazzjoni l-jedd li qed tvanta r-rikorrenti huwa li tikkontesta l-matematika tar-rapport abbozzat u intavolat mill-WBRU, dan il-jedd żgur ma jeħtieġx mandat ta' inibizzjoni sabiex jiġi mħares. Dan il-jedd ikun jeħtieġ biss li l-laqgħa ssir sabiex ir-rikorrenti tkun tista' twassal il-kritika tagħha quddiem il-forum kompetenti;***
b. ***Jekk il-jedd li tvanta r-rikorrenti huwa li twaqqaf Kumitat konsultattiv milli jiltaqa', dan il-jedd ma jeżistix, anzi dan il-Kumitat għandu obbligu bil-liġi li jiltaqa' u li jaqdi l-funzjonijiet tiegħu, u għalhekk l-għaqda rikorrenti m'għandha l-ebda jedd prima facie f'dak il-każ;***

c. ***Jekk il-jedd huwa li r-rikorrenti tikkontesta d-deroga (u ċioè l-jedd li tvanta kull sena), dan il-jedd jista' jiġi kkawtelat bi proċeduri ġudizzjarji, kif sa issa intqal fi tlett (3) digrieti differenti. Iżda f'dan il-każ ma hemm l-ebda lok għal dan għaliex ma saret ebda rakkomandazzjoni biex tiġi applikata d-deroga u għaldaqstant <u>iktar minn qatt qabel</u> ma hemmx ħtieġa għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni;***

*Dan ma hu xejn ħlief tentattiv iddisprat mill-għaqda rikorrenti li abbandunat id-dritt tagħha li tkun parti minn proċess konsultattiv favur il-pretensjoni li l-fehmiet taghha jittieħdu bħala Vanġelu minn kulħadd u jiġu imposti fuq il-kollettiv. Dan l-atteġġjament ma huwiex denju ta' soċjetà demokratika li tirrispetta l-fehmiet differenti tal-partijiet kollha li jiffurmawha, u joqgħod aħjar fid-dominju tad-dittatorjati. Hawnhekk l-esponenti jagħmlu referenza għad-digriet fl-atti tal-proċeduri fl-ismijiet* ***Av. Dr. John Gauci noe vs. Direttur tal-Kuntratti*** *fejn kien osservat illi:*

*"Ir-rabta ta' Mandat ta' Inibizzjoni m'għandhiex tintuża bħala arma ta' theddid jew ġegħil (arm twisting) lill-parti intimata li, jew tagħmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma tagħmel xejn. B'dan il-mod, il-mandat ma jibqax għodda li tħares il-jedd prima facie tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li żżomm lill-parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet tagħha. Il-Qorti hija tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-liġi li l-Mandat ta' Inibizzjoni jinbidel f'arma bħal din"*[12]

*Issa hawnhekk għandna lill-għaqda rikorrenti li qed tipprova twaqqaf lill-Kumitat Ornis milli jiddiskuti s-suġġett tal-kaċċa fir-rebbiegħa, għax ir-*

[12] Prim Awla tal-Qorti Ċivili, Rikors għal ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, dekreatat 18 ta' Lulju 2008.

*riżultat tal-votazzjoni jista' jkun wieħed li jmur kontra l-ħsieb tal-istess għaqda. Id-diskussjoni dwar il-kaċċa fir-rebbiegħa bl-ebda mod ma tista' titqies li tista' tkun ta' preġudizzju għall-għaqda rikorrenti, anzi huwa fl-interess tal-istess għaqda li ssir diskussjoni dwar is-suġġett, fejn ir-rikorrenti tingħata l-fakultà li twassal in-numri u l-veduti tagħha għall-attenzjoni tal-membri kollha tal-Kumitat li huma msejħin sabiex jivvutaw u jirrakkomandaw jekk l-istaġun tal-kaċċa għall-gamiema fir-rebbiegħa għandux jinfetaħ jew le.*

*Il-Kumitat Ornis għandu l-funzjoni legalment stabbilita li jiddiskuti u jivvota dwar dan is-suġġett, u dawn huma proċessi demokratiċi li r-rikorrenti, għax qed jibżgħu mir-riżultat tal-votazzjoni, qegħdin jippruvaw iwaqqfu b'mod mill-aktar dittatorjali. Huwa ironiku li l-għaqda rikorrenti ssemmi s-saltna tad-dritt fir-rikors tagħha meta f'dan il-każ, il-proċess ta' rakkomandazzjoni huwa stabbilit fil-liġi sussidjarja 549.42, liema liġi tittrasponi d-Direttiva tal-Unjoni Ewropea 2009/147KE dwar il-konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (id-Direttiva tal-Għasafar);*

21. *Għalkemm hawnhekk qed nitkellmu dwar il-jedd prima facie li potenzjalment għandhom ir-rikorrenti, li fl-umli fehma tal-esponenti, fi proċess konsultattiv, jista' jkun biss il-jedd li r-rikorrenti tipparteċipa fid-diskussjoni u li tkun tista' tinfluwenza r-riżultat tal-votazzjoni permezz tal-kontribut u tal-vot tagħha, liema jedd fl-ebda waqt ma kien imkasbar jew mhedded, għal kull buon fini, l-esponenti jistiednu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tinjora l-mod żvijanti kif l-għaqda attriċi tibqa' tgħid li l-ftuħ tal-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa huwa illegali meta tikkwota l-artikolu 7(4) tad-Direttiva 2009/147KE in abstracto u konvenjentement ma tagħmel ebda referenza għall-Artikolu 9 tad-Direttiva li jgħid is-segwenti:*

*"1. **L-Istati Membri jistgħu jidderogaw mid-dispożizzjonjiet tal-Artikoli 5 sa 8**, fejn ma hemm **<u>ebda soluzzjoni oħra sodisfaċenti</u>** għar-raġunijiet li ġejjin:*

*(a) -fl-interess tas-saħħa u s-siġurtà tal-pubbliku;*
*-fl-interess tas-sigurtà tal-ajru;*
*-biex ikunu prevenuti l-ħsarat serji tal-uċuħ, tal-bhejjem, tal-foresti, tas-sajd u tal-ilma;*
*-għall-protezzjoni tal-flora u l-fawna;*

*(b) għal għanijiet tar-riċerka u t-tagħlim, tar-ripopolazzjoni, l-introduzzjoni mill-ġdid u għat-tagħmir neċessarju għal dawn l-għanijiet;*

***(c) biex jippermettu, taħt kondizzjonijiet ta' sorveljanza stretta u fuq bażijiet selettivi, il-qabda, iż-żamma jew l-użi oħra meqjusa ta' ċerti għasafar f'numri żgħar.**" (enfażi tal-esponent)*

*Malta bħal kull stat membru ieħor, għandha s-setgħa, meta m'hemmx soluzzjoni oħra sodisfaċenti li tapplika deroga. Din id-deroga, meta tiġi*

*applikata, hija dejjem limitata għal ammonti żgħar t'għasafar u titħaddem skont il-Guide to Sustainable Hunting;*

*Huwa pjuttost ironiku kif fit-tlett (3) snin li matulhom Malta applikat din id-deroga deskritta mir-rikorrenti bħala "illegali", l-Istat Malti qatt ma tressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. In oltre, jista' jingħad li bħala parti mill-Kumitat Ornis, l-għaqda attriċi kienet ukoll parteċipi fl-illegalità, billi ma jirriżultax li qatt wasslet dan l-argument quddiem il-Kumitat Ornis u l-Qorti wkoll ħalliet l-illegalità sseħħ billi għal darba, tnejn, tlieta ċaħdet ir-rikors tar-rikorrenti, li temmen u tipretendi li kienet "right all along" għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni;*

*Minkejja l-mod kif l-għaqda rikorrenti tipprova tfettaq u tiżvija, l-esponenti jagħmluha ċara illi meta d-deroga tiġi applikata, titħaddem bl-ikbar serjetà u tippermetti biss persentaġġ żgħir ta' gamiem li jinqabad. Dan jista' jkun faċilment ikkonstatat mid-digrieti ta' din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta f'dawn l-aħħar tliet (3) snin;*

*Li ma tgħidx l-għaqda attriċi huwa illi l-kaċċa fir-Rebbiegħa ssir għaliex ma teżistix soluzzjoni oħra għal pajjiżna, u dan mhux l-esponenti jgħiduh iżda qalitlu l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea:*

*"Fid-dawl ta' dawn il-fatti partikolari ħafna, il-kaċċa għall-gamiem u għas-summien matul il-perijodu tal-kaċċa fil-ħarifa ma tistax tiġi kkunsidrata li tikkostitwixxi, f'Malta, soluzzjoni oħra sodisfaċenti, b'tali mod li l-kundizzjoni marbuta mal-assenza ta' tali soluzzjoni, stabbilita fl-Artikolu 9(1) tad-Direttiva għandha, fil-prinċipju, titqies li hija sodisfatta."*[13]

*F'dik is-sentenza nstab li ma kienx hemm proporzjon fid-deroga applikata fuq għoxrin sena ilu, iżda ħareġ biċ-ċar illi l-Gvern Malta jista' japplika deroga fuq numru limitat ta' gamiem kif fil-fatt għamel f'dawn l-aħħar snin.* ***Dan kollu qiegħed jingħad mingħajr preġudizzju għall-fatt illi sa issa, din is-sena għadu ma ġiex deċiż jekk għandux jinfetaħ o meno l-istaġun tal-kaċċa għall-gamiema fir-rebbiegħa****;*

22. *Magħdud ma' dan, u mill-mod kif huma dedotti t-talbiet, huwa ċar x'inhi tipprova tagħmel l-għaqda rikorrenti. L-għaqda rikorrenti bl-azzjoni tagħha qiegħda tipprova tissostitwixxi d-diskrezzjoni ta' awtorità amministrattiva ma' dik ta' din l-Onorabbli Qorti, u dan huwa proċeduralment improponibbli.* *Fis-sentenza fl-ismijiet* ***Lawrence Borg vs il-Gvernatur tal-Bank Ċentrali*** *ġie osservat mill-Qorti tal-Appell illi:*

*"Il-kompitu tal-Qorti, f'kaz ta' stharrig gudizzjarju, mhux dak li tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik ta' l-awtorita` pubblika, lanqas biex tiddeciedi jekk ir-ragunijiet li a bazi taghhom ezercitat id-diskrezzjoni taghha kellhomx missewwa jew le, izda biex tara jekk a bazi ta' l-informazzjoni li kellha l-awtorita` pubblika fil-mument li ezercitat iddiskrezzjoni taghha, setghetx jew*

[13] Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea C-76/08, deċiża 10 ta' Settembru 2009./

*le tasal ghad-decizjoni li hadet. Jekk id-decizjoni kienet wahda li l-awtorita` pubblika setghet ragjonevolment tasal ghaliha, allura dik id-decizjoni m'ghandhiex tithassar. Kif qal Lord Diplock filHouse of Lords fit-The Tameside Case (1977),*
*"The very concept of administrative discretion involves a right to choose between more than one possible course of action upon which there is room for reasonable people to hold differing opinions as to which is to be preferred."*[14]

*Għaldaqstant ġialadarba huwa pależ illi entità ma tistax twaqqaf Kumitat stabbilit bil-liġi milli jaqdi d-doveri tiegħu skont il-liġi, huwa pależ illi f'dan il-każ ma jeżisti ebda jedd prima facie li għandu jkun ikkawtelat;*

23. *Minkejja li l-esponenti jistgħu jieqfu hawn, għaliex din is-sena kull ma talbet l-għaqda rikorrenti huwa li l-Kumitat Ornis jitwaqqaf milli jikkunsidra, jiddiskuti u jiddeċiedi permezz ta' vot dwar il-ftuħ tal-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa għall-gamiem, l-esponenti jonqsu jekk ma jerġgħux jispjegaw, għar-raba' sena konsekuttiva, għaliex Birdlife Malta m'għandha ebda jedd twaqqaf il-Gvern milli japplika deroga kif permess bil-liġi tal-Unjoni Ewropea. Dan ħareġ bl-iktar mod ċar mill-ewwel digriet dwar it-talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni fl-2022:*

*"65.Din il-Qorti hija bir-rispett kollu dovut tal-fehma illi l-għaqda rikorrenti ma rnexxiliex tipprova illi għandha xi jedd oġġettiv illi, mad-daqqa t'għajn, hija għandha x'tikkawtela. Din il-Qorti eżaminat bir-reqqa r-rikors tal-għaqda rikorrenti, liema rikors kien dettaljat u joffri esposizzjoni ċara tal-ilment talgħaqda rikorrenti fil-konfront tal-intimati fil-mertu, u ta' dak illi l-għaqda rikorrenti tista' faċilment tfittex f'kawża fil-mertu; iżda, madanakollu, din il-Qorti tosserva illi l-għaqda rikorrenti naqset milli tistabbilixxi x'inhu eżattament il-jedd prima facie illi l-għaqda rikorrenti qiegħda tfittex illi tikkawtela bil-proċeduri odjerni;*

*66.Jiġi senjalat illi jekk, għall-grazzja tal-argument, u milli tista' tikkonstata bi ftit estensjoni tal-immaġinazzjoni din il-Qorti, il-jedd prima facie illi l-għaqda rikorrenti qiegħda tippretendi illi għandha, huwa sabiex titlob dikjarazzjoni illi l-Avviż Legali 116 tal-2022 huwa illegali għaliex jivvjola l-liġi Ewropea, din il-Qorti mhix qiegħda tara kif ordni sabiex jiġu sospiżi leffetti u l-applikazzjoni tal-Avviż Legali 116 tal-2022 hija neċessarja sabiex jiġi kawtelat l-istess dritt, u cioe kif huwa meritat il-ħruġ ta' miżura straordinarja u estrema f'mandat t'inibizzjoni;*

*67.Għaldaqstant, din il-Qorti mhix tal-fehma illi l-għaqda rikorrenti rnexxielha tipprova illi jissussisti fumus boni juris illi a bażi tiegħu din il-Qorti tista' tgħaddi sabiex tilqa' t-talba għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni odjern;*[15]

[14] Appell Numru 2959/1996/1 deċiż 9 ta' Marzu 2007.
[15] Rikors għal ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni nru 492/2022.

*Minn dak fuq iċċitat, jirriżulta illi l-jedd vantat mill-għaqda attriċi ma jeħtieġx mandat ta' inibizzjoni biex jiġi kawtelat. Anzi, dan il-jedd qiegħed jiġi utilizzat fil-proċeduri qudiem din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta fil-proċeduri 1067/22MS imsemmija fl-isfond. Dan qalitu wkoll din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta fid-digriet tal-2024 (l-iktar riċenti):*

*Jibda biex jingħad, di fatti, illi l-meritu dwar l-Avviż Legali 116 tas-sena 2022 u jekk saritx transposizzjoni korretta o meno tal-Liġi Ewropeja hija preżentement meritu tal-kawża miftuħa mill-istess Għaqda rikorrenti, u għalhekk ċertament bl-ebda mod ma tista' qatt dina l-Qorti tqis illi l-ftuħ ta' tali kawża u/jew illi tali kawża hija pendenti, għandha titqies bħala bażi biex il-Mandat ta' Inibizzjoni odjerna tiġi milqugħa.[16]*

*Għaldaqstant huwa ċar, illi ma hemm ebda ħtieġa li jinħareġ mandat kawtelatorju għaliex f'dan il-każ il-jedd li għandha l-għaqda rikorrenti biex tikkontesta t-tħaddim tad-deroga qiegħed fis-seħħ bil-proċeduri li għandha pendenti. Hija ħasra li ta' kull sena, l-esponenti jkollhom jagħtu l-istess spjegazzjoni sempliċement għax ir-rikorrenti trid tibqa' twebbes rasha u kull sena tittanta xortiha bil-għan li xi darba tiġiha tajba u jkollha eżitu favorevoli għaliha;*

***<u>Dwar il-Preġudizzju li ser issofri l-għaqda attriċi jekk il-mandat ma jintlaqax</u>***

24. *Illi dak li qed titlob hawnhekk l-għaqda rikorrenti huwa li din l-Onorabbli Qorti twaqqaf lill-Kumitat Ornis milli jikkunsidra, jiddiskuti, jiddeċiedi permezz ta' vot, u jirrakkomanda il-ftuħ 'illegali' tal-kaċċa fir-rebbiegħa għall-gamiem u għalhekk dak li għandu jiġi mistoqsi huwa fiex jikkonsisti l-preġudizzju li taffaċċja l-għaqda rikorrenti jekk il-laqgħa tal-Kumitat Ornis issir. Fil-laqgħa tal-Kumitat Ornis fejn tiġi diskussa l-kaċċa u l-applikazzjoni o meno tad-deroga skont il-liġi, l-għaqda attriċi jkollha l-opportunità li tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha, twassal il-kritika tagħha jekk tirriskontra xi żball f'xi kalkolu u dan l-iżball ikun jista' jiġi kkoreġut fil-laqgħa stess, u jkollha wkoll il-fakultà li tinfluwenza r-riżultat tal-votazzjoni tramite l-vot liberu tagħha;*

25. *Fl-agħar ipoteżi għar-rikorrenti, il-Kumitat Ornis jagħti rakkomandazzjoni sabiex jinfetaħ l-istaġun tal-kaċċa għall-gamiema fir-rebbiegħa. Importanti li jiġi enfasizzat li l-Kumitat Ornis għandu funzjoni stabbilita bil-liġi sabiex jagħti rakkomandazzjonijiet lill-Ministru fejn jidħlu derogi dwar il-kaċċa u għaldaqstant huwa inkonċepibbli kif laqgħa li tista' twassal għal rakkomandazzjoni, liema rakkomandazzjoni l-Ministru lanqas biss hu marbut biha, tista' tarreka xi preġudizzju lir-rikorrenti. L-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat. F'dan il-każ ma hemm xejn minn dan;*

26. *Iżda sabiex iserrħu moħħ din l-Onorabbli Qorti, it-teżi li hemm xi żball matematiku f'dan il-każ m'hijiex korretta. F'dan il-kuntest l-esponent jirreferi*

[16] Rikors għal ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni nru 556/2024/1.

*għad-dokument H anness mar-risposta tiegħu, fejn hemm spjegazzjoni għalfejn il-matematika tat-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi hija korretta.*

27. *Magħdud ma' dan, l-esponenti, kif għamlu fl-aħħar tliet (3) snin, ser jelenkaw għalfejn mhux ser ikun hemm ebda preġudizzju fil-konfront tal-għaqda rikorrenti anke f'każ li l-Kumitat Ornis jivvota favur l-applikazzjoni ta' deroga għall-kaċċa għall-gamiema fir-Rebbiegħa. Minkejja l-fatt li din l-Onorabbli Qorti, diversament presjeduta, fl-2022 osservat illi ma kienx hemm ebda jedd prima facie li kien jeħtieġ il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex jiġi kkawtelat, il-Qorti xorta waħda daħlet fil-kwistjoni tal-preġudizzju irrimedjabbli:*

*"72.Il-preġudizzju irrimedjabbli illi l-għaqda rikorrenti qiegħda tikkontendi illi ser jiġi kkawżat lilha jekk ma tintlaqax it-talba għall-ħruġ tal-mandat odjern, jidher illi huwa l-ħsara li tista' ssir lill-popolazzjoni tal-ispeċi Streptopelia turtur fil-każ illi ma jiġux sospiżi l-effetti tal-Avviż Legali 116 tal-2022;*

*73.Fl-ewwel lok din il-Qorti tfakkar illi l-grad ta' preġudizzju illi għandu jissussisti fil-mandat odjern mhux neċessarjament għandu jkun irrimedjabbli, iżda biżżejjed illi jkun sproporzjonat, u dan in vista illi l-intimati huma awtoritajiet pubbliċi;*

*74.Fit-tieni lok, din il-Qorti tagħmel referenza għar-rapport anness mar-risposta tal-intimati għar-rikors għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni (Dok A), senjatament għall-konklużjonijiet dwar l-ispeċi Streptopelia turtur, u tosserva illi:*

*Based on the latest Article 12 reporting cycle (2013-2018), **the Turtle-dove reference population improved its short-term trend status from Decreasing to Stable** (Min. Pairs:- 0.30%; Max. Pairs: -0.39%) and remained Stable in the long-term trend (Min. Pairs: -0.32%; Max. Pairs: -0.36%). During the previous reporting cycle (2008- 2013), the decrease in the short-term trend of Malta"s reference population was as follows: Min. Pairs: -13.02%; Max. Pairs: -10.61%. Thus, **in the short-term, the reference population increased by 12.7% (Min. Pairs) and 10.25% (Max. Pairs)**. However, it should be noted that **more than half the reference population (55%) is decreasing in the short-term trend**. In the long-term, the majority of the reference population (81%) is either decreasing (36%) or has an unknown trend (45%) but the overall trend remained stable at -0.32% in the minimum number of breeding pairs and -0.36% in the maximum number of breeding pairs. When compared with the previous trends (for Article 12 reporting period 2008–2012), this equates to an increase of 11.73% [(- 0.32%) – (-12.05%)] in the minimum number of breeding pairs and an increase of 15.31% [(- 0.36%) – (-15.67%)] in the maximum number of breeding pairs.*

*75. In oltre, hekk kif jissenjalaw l-intimati fir-risposta tagħhom, fit-tabella numru 13 fl-istess rapport, il-post minn fejn l-aktar li jpassi gamiem lejn Malta huwa mill-Italja (46.5%), fejn il-popolazzjoni tal-gamiem hija dikjarata bħala Stable fix-short-term, u Increasing fil-long-term;*

*76.Meta wieħed imbagħad jikkonsidra illi skont l-Avviż Legali 116 tal-2022 il-kwota hija ta' elf u ħames mitt (1,500) gamiema bħala n-numru totali ta' għasafar li jistgħu jiġu kkaċċjati taħt l-awtorita' tal-liċenzji kollha maħruġa meħudin flimkien, u considerando wkoll illi, skont it-tabella 13 fir-rapport suriferit minimum number of breeding pairs huwa 150,000, din il-Qorti hija tal-fehma illi l-preġudizzju illi jista' jiġi arrekat fil-każ illi din it-talba għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni ma tintlaqax, la huwa sproporzjonat, u lanqas huwa irrimedjabbli. Dan tenut kont ukoll tal-fatt illi, hekk kif ġie senjalat aktar 'il fuq, jekk l-ilment tal-għaqda rikorrenti effettivament huwa illi t-trasposizzjoni tad-Direttiva Ewropea fil-liġi domestika saret ħażin, xejn m'hu jimpedixxi lill-għaqda rikorrenti milli tieħu azzjoni fil-mertu sabiex tattakka l-liġi illi hija qiegħda ssostni illi qed tippreġudika d-drittijiet tagħha;*

*77.Għaldaqstant, din il-Qorti tikkonkludi illi **<u>lanqas jissussistu sodisfaċentement pruvati t-tielet u l-ħames elementi għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni kif rikjest</u>**;"*

*Illi din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta fl-2023 osservat illi ma kien hemm ebda bidla fiċ-ċirkostanzi u fl-2024 din l-Onorabbli diversament presjeduta osservat bl-iktar mod skjett u prattiku illi:*

*"40. Fil-każ odjern, għal darba oħra l-Għaqda rikorrenti terġa' tittenta illi tagħlaq l-istaġun tal-kaċċa u dana abbażi ta' studji illi, kif hija tikkontendi, juri illi fuq bażi reġjonali, u mhux lokali, l-popolazzjoni tal-gamiem qiegħed, aktar ma jgħaddi ż-żmien, jonqos, filwaqt illi tinsisti illi dana huwa dovut prinċiplament riżultat, fost affarijiet oħra, il-ftuħ tal-kaċċa fir-rebbiegħa li jsir Malta, gżira ċkejkna ta' Malta, li, din il-Qorti tosserva, ma hija xejn aktar minn blata f'baħar kbir magħruf bħala l-Mediterran illi jaqsam l-Afrika mill-Ewropa.*

*41. Madanakollu, hawnhekk il-Qorti ma tistax ħlief ma taqbilx mas-sottomissjonijiet magħmula mill-Federazzjoni Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti, fejn ġie osservat illi, minkejja illi l-Għaqda rikorrenti, kif ukoll entitajiet oħra, jikkontendu illi t-telf tal-gamiem huwa attribwibbli, fost affarijiet oħra, **<u>għall-qtil ta' tali għasafar waqt il-vjaġġ migratorja tagħhom mill-Afrika għal lejn l-Ewropa, hija ferm diffiċili illi jitqies illi hija proprja l-kaċċa fil-ġimgħatejn ta' April fuq il-gżira ċkejkna ta' Malta, fejn huwa permess jinqabdu sa massimu ta' 1,500 gamiema fuq medda ta' erbgħatax-il ġurnata, li hija l-kawża prinċipali tat-tnaqqis fil-popolazzjoni tal-gamiem fl-Ewropa u fid-dinja, kif donna qiegħda tinsisti l-Għaqda rikorrenti."</u>** (enfażi u sottolinear tal-esponenti)*

*L-esponenti jaqblu perfettament ma' dak li qalet din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta u ma jistgħu jaraw ebda raġuni għaliex din l-Onorabbli Qorti għandha tirrevedi l-pożizzjoni li ttieħdet fl-aħħar snin. Irrispettivament minn dak li tisħaq ripetutament l-għaqda rikorrenti, il-fatt huwa li l-ftuħ tal-istaġun tal-kaċċa għal perjodu qasir u għal numru żgħir ta' gamiem mhux ser iwassal għall-estinzjoni tal-gamiema skont ir-retorika tal-għaqda rikorrenti. Li kieku dan kien il-każ, il-gamiema ilha estinta tliet (3) snin. Dan għal darb'oħra jingħad mingħajr preġudizzju għall-fatt illi sal-lum ma hemm ebda indikazzjoni illi ħa tiġi applikata xi deroga;*

28. *Minkejja illi s-subinċiż 873(3) jipprovdi illi f'mandati kontra l-gvern jeżisti wkoll il-kriterju tal-isproporzjon, dan ma jfissirx illi r-rikorrenti m'għandhiex turi wkoll l-irrimedjabilità jew dak li nsejħulu 'pericolum in mora' li nsibu fis-subinċiżi 873(2). Li kieku kien hekk, kien jitlaq ukoll il-kriterju li wieħed għandu juri li għandu jedd x'jikkawtela, iżda dan mhuwiex il-każ. Il-kriterji ġenerali għall-ħruġ tal-mandat u ċioe' li wieħed (i) jidher b'mod prima facie li jkollu* ***jedd*** *x'jikkawtela u li (ii) l-mandat ikun* ***meħtieġ*** *biex jikkawtela dak il-jedd, japplikaw anki għall-mandati kontra l-Gvern. M'hemm xejn f'ebda minn dawn is-subinċiżi illi jindika li wieħed mill-kriterji qiegħed jeskludi l-ieħor. Anzi, il-ġurisprudenza tgħallem illi l-kriterji huma kumulattivi u li jekk imqar wieħed minnhom ma jiġix sodisfatt dan iwassal għaċ-ċaħda tal-mandat;*[17]

29. *Għalhekk, f'mandati kontra l-Gvern, ir-rikorrent ikollu juri mhux biss illi l-preġudizzju li jista' jsofri huwa irrimedjabbli, iżda wkoll illi anke jekk irrimedjabbli, huwa agħar mill-preġudizzju li jista' jsofri l-gvern f'każ li l-mandat jintlaqa':*

30. *F'dan ir-rigward issir referenza għad-deċiżjoni mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti, diversament presjeduta, fil-11 ta' Frar 2020, fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Nru. 45/2020 RGM fl-ismijiet* ***LBV Limited Vs Kunsill Lokali Gudja u L-Agenzija għal Infrastruttura Malta*** *fejn il-Qorti kkunsidrat:*

*"Għaldaqstant bil-liġi s-soċjetà rikorrenti trid tissodisfa tlett elementi sabiex jistħoqqilha tikseb il-ħruġ tal-mandat: (a) trid turi li l-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu jeddijiet li tippretendi li għandha, (b) ir-rikorrenti tkun tidher li għandha, mad-daqqa t'għajn (prima facie), dawk il-jeddijiet, u (c) li r-rikorrenti sejra tbagħti preġudizzju sproporzjonat.*

*(...)*

*"Illi bl-użu tal-kelma 'u' fit-tieni sub-artikolu tal-Artikolu 873, il-leġislatur ried li ż-żewġ elementi ikunu kumulattivi u mhux alternattivi. B'żieda ma' dawn*

[17] Vide per eżempju 1710/16LM fl-ismijiet ***Mary Grace D'Amato vs Raymond Micallef et*** deċiż fis-16 ta' Diċembru 2016: "Ir-rekwiżiti għall-ħruġ tal-Mandat huma kumulattivi mhux alternattivi. Għalhekk jekk xi wieħed minnhom ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-Mandat."

*iż-żewġ elementi, mandati fil-konfront tal-gvern għandhom jissodisfaw it-tielet element. B'dan ifisser għalhekk illi jekk wieħed minn dawn it-tlett elementi jkun nieqes, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak. ...*

*"Illi jeħtieġ lill-Qorti wkoll li flimkien maż-żewġ elementi surreferiti, tikkonsidra l-element tal-preġudizzju. Il-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. (**Muriel Thake vs. Lars Olav Valdemar Grill et** (Mand. Inib. Nru 1712/2017) degretat fis-27 ta' Diċembru 2017.) B'irrimedjabbli wieħed għandu jfisser li 'bl-għamil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu fil-waqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat'. Il-preġudizzju li l-parti rikorrenti tkun trid twaqqaf irid ikun wieħed li ma jkunx hemm rimedju ieħor għalih jekk mhux bil-ħruġ tal-Mandat, tant li jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, mqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes dan l-element meħtieġ għall-ħrug tal-Mandat. Huwa għalhekk li l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meqjus bħala mezz proċedurali ta' natura eċċezzjonali.";*

*Illi fid-digriet fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 531/20 RGM fl-ismijiet **Michael Farrugia et vs Omar Ellul**, mogħti fid-19 ta' Ġunju 2020, din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta osservat illi:*

*"Jekk il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni illi prima facie r-rikorrenti ghandhom tali jedd ikun mehtieg li l-Qorti tiddelibera dwar l-element tal-pregudizzju. **Il-harsien li l-ligi timmira ghalih huwa dak li, mingħajr il-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni, il-jedd li jista' jkollhom ir-rikorrenti jitnehha darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli**. (**Muriel Thake vs. Lars Olav Valdemar Grill et** (Mand. Inib. Nru 1712/2017) degretat fis-27 ta' Diċembru 2017) **B'irrimedjabbli wieħed għandu jfisser li 'bl-għamil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu fil-waqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat'**. Il-pregudizzju li r-rikorrent jkun jrid iwaqqaf irid ikun wiehed li ma jkunx hemm rimedju iehor ghalih jekk mhux bil-hrug tal-Mandat, tant li jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitnehha, mqar b'decizjoni wara li jigi mistharreg il-kaz fil-mertu, jigi nieqes dan l-element mehtieg ghall-hrug tal-Mandat. **Huwa ghalhekk li l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meqjus bhala mezz procedurali ta' natura eccezzjonali.** (**Charles Mugliett vs. Saviour Bonnici** (Rik Nru 2086/1997) degretat fil-25 ta' Jannar 2005; **Angelo Xuereb vs. Marin Hili (**Rik Nru 3135/94) degretat fit-22 ta' Settembru 1995) (enfasi miżjuda mill-esponenti);"*

*Illi għalhekk mhux talli huwa ċar li m'hemmx preġudizzju fil-konfront tal-għaqda rikorrenti, talli huwa ċar kristall li bl-għemil li qed tibża' minnu r-rikorrenti ma jistax jintilef darba għal dejjem il-jedd li l-istess soċjetà rikorrenti tikkontendi li għandha, u ċioe' dak li titlob dikjarazzjoni illi d-deroga kif applikata mill-Gvern Malti tivvjola b'xi mod il-liġi Ewropea jew xi liġi oħra. Tant hu hekk illi r-rikorrenti diġa' fetħu proċeduri għal dan il-għan bin-numru*

*ta' referenza 1067/2022 MS, u l-eżitu ta' dan il-mandat bl-ebda mod m'huwa ser jaffetwa l-eżitu ta' dawk il-proċeduri. Dan ukoll qed jingħad mingħajr preġudizzju għall-fatt li f'dan il-każ ma hemm ebda rakkomandazzjoni għall-ftuħ tal-istaġun tal-kaċċa konċernat;*

***<u>Dwar is-subinċiż (3) tal-artikolu 873 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta</u>***

31. *Illi ma hemm ebda dubju li l-mandat odjern qiegħed jintalab li jinħareġ kontra l-Gvern u għaldaqstant, japplikaw id-disposizzjonijiet partikolari ikkontemplati fis-subinċiż (3) tal-Artikolu 873. Dan is-subinċiż jipprojbixxi l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-Gvern sakemm ma jiġux sodisfatti żewġ rekwiżiti oħra apparti dawk ordinarjament ikkontemplati f'mandati ta' inibizzjoni. Dawn iż-żewġ elementi huma:*

a. *Li jintwera li l-awtorità jew persuna kontra min qed jintalab li jinħareġ il-mandat tikkonferma fil-qorti bil-miftuħ li l-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma tkun fil-fatt maħsuba li ssir; u*

b. *Il-Qorti tkun sodisfatta li jekk il-mandat ma jinħariġx, il-preġudizzju li jinħoloq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-għemil tal-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma.*

*L-ewwel rekwiżit huwa pjuttost ċar, fis-sens illi l-laqgħa tal-Kumitat Ornis ġiet skedata u għaldaqstant dak li qiegħda tipprova twaqqaf l-għaqda rikorrenti sa fejn jidħol il-Kumitat Ornis huwa maħsub li jsir.*

*Dwar it-tieni rekwiżit ikkontemplat fis-subinċiż (3), li huwa l-preġudizzju sproporzjonat, referenza ssir għas-sottomissjonijiet diġà magħmulin fir-rigward tal-ħtieġa tal-miżuri u l-preġudizzju rrimedjabbli. L-għaqda rikorrenti b'ebda mod ma uriet x'inhi l-ħsara li ser issofri fl-eventwalità li ma jinħariġx il-mandat mitlub minnha, iżda l-esponenti jistiednu lil din l-Onorabbli Qorti tikkunsidra l-effett ta' deċiżjoni illi twaqqaf lill-Gvern milli **merament jikkunsidra u/jew jiddiskuti** deroga li jista' japplika skont il-liġi. Dan imur altament kontra s-separazzjoni tas-setgħat u jaf joħloq chilling effect fuq l-ordni ġuridiku ta' pajjiżna. Jekk dan il-mandat kif dedott jintlaqa' dan ikun ifisser illi kwalunkwe għaqda li ma taqbilx ma' xi liġi partikolari li tkun qiegħda tiġi diskussa tkun tista' twaqqaf diskussjoni demokratika milli ssir.*

*In finis, u dwar sporporzjon, l-esponent jikkonkludi billi jaġmel tiegħu dak li osservat din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta s-sena l-oħra (2024):*

*"42. **Il-Qorti tifhem illi l-Għaqda rikorrenti hija kontra l-kaċċa f'kull stagun, kif del resto stqarret anke fis-sottomissjonijiet orali tagħha**, u ser tibqa' tissielet sakemm l-istaġun tal-kaċċa tiġi magħluqa sabiex tippromwovi ż-żieda fil-popolazzjoni tal-gamiem flEwropa w id-dinja, iżda l-Qrati huma dejjem mitluba sabiex jassikuraw illi fil-ħruġ ta' kwalsiasi tip ta' Mandat ta' Inibizzjoni, **jintlaħaq bilanċ bejn dak illi huwa mitlub u linteressi ta' kull min huwa involut f'tali Mandat kif ukoll, fil-każ odjern, tqis l-interessi ekoloġiċi, xjentifiċi u kulturali li huma involuti***

***f'kwistjoni bhal dik illi għandha quddiemha din il-Qorti, b'dan illi jiġi assikurat li jintlaħaq bilanċ u ma jiġix ikkawżat sproporzjon li jkun ta' ħsara lil parti aktar minn oħra.***

*43.* ***Fil-każ odjern, jidher ċar illi l-Għaqda rikorrenti ġia qiegħda tieħu l-azzjoni opportuni biex tikkontesta u tippromwovi l-posizzjoni tagħha fil-Qrati nostrani, kif ukoll barra minn Malta, u għalhekk il-Qorti tħoss illi ma hemmx il-ħtieġa illi l-azzjoni estrema mitluba mill-Għaqda rikorrenti, ossija din illi tinibixxi l-ftuħ tal-istaġun tal-kaċċa, tiġi kkunsidrata favorevolment, peress illi ma jirriżultax illi d-drittijiet pretiżi mill-Għaqda rikorrenti ser jiġu irremedjabbilment preklużi jekk l-istaġun tal-kaċċa għas-sena 2024 jinfetaħ kif propost, ossija soġġett għal-limitazzjonijiet indikati mill-Kumitat Ornis.***

*44. Għaldaqstant, din il-Qorti tqis illi l-element tal-preġudizzju irrimedjabbli, illi huwa essenzjali sabiex att ta' natura eċċezzjonali, bħalma huwa dak tal-Mandat tallnibizzjoni, jiġi kkunsidrat favorevolment, ma ġiex ippruvat illi jeżisti u/jew li jista' jeżisti f'każ li r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Ornis jiġu kkunsidrati favorevolment mill-Awtoritajiet kompetenti." (enfażi tal-esponent)*

*B'dak sottomess, meta wieħed iqabbel l-allegat preġudizzju li potenzjalment tista' ġġarrab l-għaqda rikorrenti mal-effett kastatrofiku li l-ħruġ ta' dan il-mandat ta' inibizzjoni jista' jkollu fuq is-saltna tad-dritt f'Malta, huwa ċar li ħa jinħoloq effett sproporzjonat fuq l-esponenti.*

*Illi f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' r-rikors imressaq mill-għaqda attriċi, ser tinħoloq sitwazzjoni fejn deliberazzjonijiet tal-Gvern jistgħu fuq bażi prima facie jiġu stultifikati. Illi l-effett ta' dan kollu huwa iktar u iktar devastanti meta wieħed iqis illi dan it-tip ta' digriet m'huwiex appellabbli, u għalhekk il-Gvern tal-ġurnata jkollu jistenna l-proċeduri ċivili kollha jintemmu sabiex ikun jista'* ***biss jiddiskuti*** *affarjiet li jolqtu liċ-ċittadini ta' dan il-pajjiż;*

***Konklużjoni***

32. *Illi l-konklużjoni ta' dan kollu hija li t-talba għall-ħruġ tal-mandat odjern għandha tiġi miċħuda. L-għaqda rikorrenti m'għandhiex, u fil-fatt m'urietx li għandha, bażi legali għat-talbiet tagħha; ma tgħidx id-dritt prima facie tagħha x'inhu, ma tgħidx x'inhu l-preġudizzju rrimedjabbli li ser issofri jekk ma tintlaqax it-talba tagħha, u ma tgħidx kif dan il-preġudizzju huwa wieħed sproporzjonat. In oltre t-talbiet tar-rikorrenti diġà ġew miċħudin fit-tliet (3) snin li għaddew fil-proċeduri nnumerati 492/2022/1AJD, 542/23/1GG u 556/2024/1 FDP;*

33. *Illi meqjus dan kollu, ma hemm ebda dubju li r-rekwiżiti għall-ħruġ tal-mandat ma ġewx sodisfatti u konsegwentement, din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad it-talba tal-għaqda rikorrenti.*

*Bl-Ispejjeż*

Rat id-dokumenti annessi mal-istess risposta;

Rat ir-rikors tal-intimati tal-24 ta' Marzu 2025 u d-diġriet provviżorju tal-Qorti tal-25 ta' Marzu 2025;

Rat illi mill-atti u sal-ġurnata tas-seduta ma rriżultax illi dak ir-rikors kien notifikat lill-partijiet l-oħra u l-Qorti ħadet nota tad-dikjarazzjoni magħmula mid-difensuri tal-intimati fis-seduta tat-28 ta' Marzu 2025 fis-sens illi filwaqt illi sostnew il-pożizzjoni tagħhom, il-proċeduri setgħu jitkomplew nonostante – fid-dawl ta' liema dikjarazzjoni, il-Qorti qegħda għalhekk preżenzjalment tiddikjara illi **qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dak l-istess rikors**, b'dan illi jibqgħu mpreġudikati d-drittijiet tal-intimati fir-rigward;

Rat ir-rikors tal-għaqda rikorrenti tas-26 ta' Marzu 2025 u d-digriet mogħti dakinhar stess;

Rat il-verbal tas-seduta miżmuma fit-28 ta' Marzu 2025;

Rat id-dikjarazzjoni tad-difensuri tal-intimati li għal finijiet tal-**Artikolu 873(3) tal-KAP 12 tal-Ligijiet ta' Malta**, "*kien u għadu fil-ħsieb tal-intimati illi jitwettaq dak li qed jiġi mitlub illi jitwaqqaf*" - u b'hekk issodisfaw dak li trid il-ligi fil-kuntest ta' dak li jrid l-Artikolu 873(3) biex il-Mandat jinstema` u jiġi deċiż;

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha u rat illi r-rikors tħalla għal digriet *in camera*.

**Ikkunsidrat**:

Illi <u>in sinteżi</u>, il-pożizzjoni tal-partijiet kif magħrufa lill-Qorti hija hekk:

Illi kif verbalizzat mid-difensur tal-għaqda rikorrenti **Birdlife Malta** waqt is-seduta miżmuma, "***dak li qed jintalab huwa illi l-Kumitat Ornis ma jiddiskutix, jiddeċidix u allura ma jagħmel ebda proposta lill-Ministru konċernat***".

A skans ta' ripetizzjoni, il-Qorti qed tirreferi għat-test tar-rikors kif riprodott hawn aktar il-fuq u żżid illi mit-trattazzjoni tal-abbli difensur tal-għaqda Birdlife Malta jirriżulta illi r-rikorrenti Birdlife Malta ssostni illi l-laqgħa tal-kumitat Ornis hija waħda minn sensiela ta' ħolqiet fil-katina li twassal sabiex tittieħed deċizjoni dwar jekk l-istaġun tar-rebbiegħa għal kaċċa tal-gamiem jinfetaħx jew le.

Ir-rikorrenti jsostnu illi għalkemm ġjà kien hemm tliet tentattvi ta' Mandati ta' Inibizzjonijiet fit-tliet snin li għaddew dwar l-istess mertu u kollha kienu miċħuda, f'dan il-każ mhux biss it-talba hija differenti fis-sens illi marru pass qabel ma l-

Kumitat Ornis ltaqa’ sabiex jieħu deċiżjoni, imma wkoll isostnu illi l-illegalita’ ssir kull darba illi jkun hemm il-possibilità tal-ftuh tal-istaġun, u għalhekk kull staġun iġib miegħu llegalita’ gdida illi tintitola lil Birdlife tressaq talba ġdida ghal Mandat ta’ Inibizzjoni.

Dwar l-eċċezzjonijiet preliminari tal-intimati, ir-rikorrenti Bridlife Malta ssostni illi kull wieħed mill-intimati għandu interess ġuridiku passiv fil-proċess, u ghalhekk anke jekk hemm intimati li ma jpoġġux fuq il-mejda tad-diskussjoni li qed titntalab illi ma ssirx, b’danakollu sakemm huma jagħmlu parti mill-katina li tista’ twassal għal ftuħ tal-istagun, allura għandhom interess ġuridiku passiv. Fir-rigward tal-Kumitat Ornis isostnu illi dan għandu personalita’ guridika u jagħmlu referenza għas-sentenza fil-kawża Nru. 805/2014LM tat-8 ta’ Frar 2016, mentri fir-rigward tal-Avukat tal-Istat jagħmlu referenza ghall-Artikolu 91(A) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta, partikolarment is-sub-inċiż (3).

Dwar l-intempestivita’ tal-azzjoni, Birdlife Malta ssostni illi l-azzjoni mhix intempestiva peress illi hija neċessarjament trid twaqqaf id-diskussjoni u l-vot tal-kumitat, in kwantu illi dik id-deċiżjoni tkun l-ewwel pass lejn il-ftuħ tal-istaġun.

Fuq domanda tal-Qorti, id-difensur tar-rikorrenti Birdlife Malta ddikjara illi l-argumenti kollha minnu magħmula fl-awla fl-atti ta’ dan il-Mandat, Birdlife tpoġġihom fuq il-mejda tad-diskussjoni fil-Kumitat Ornis, sabiex tagħmel il-każ tagħha qabel ma l-kumitat jieħu d-deċizjoni.

Dwar il-preġudizzju, Birdlife Malta tikkontendi illi l-preġudizzju li ssofri jekk ma jintlaqax il-mandat huwa rriversibbli, peress illi l-gamiem li jinqatel ħadd ma jista’ jġibu lura. Issostni illi f’sitwazzjoni fejn hemm deklin rapidu tal-gamiem, il-konservazzjoni tat-tajra partikolari huwa neċessarju. Issostni illi jekk ma jinfetaħx l-istaġun, dan ma jikkawżawx preġudizzju sproporzjonat la għall-Awtoritatijiet u lanqas għal kaċċaturi illi jsofru biss minn sospensjoni ta’ sena waħda ta’ kaċċa.

**Ikkunsidrat ulterjorment**:

Illi min-naħa tagħhom, l-**intimati Ministru ghall-Ambjent, l-Enerġija u l-Indafa Pubblika, is-Segretarju Permanenti - Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Indafa Pubblika, il-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar, is-Segretarju Permanenti - għal Għawdex u l-Ippjanar, il-President tal-Kumitat Ornis u l-Avukat tal-Istat** jikkontestaw bil-qawwa kollha t-talba magħmula.

Ukoll a skans ta’ ripetizzjoni, issir referenza għat-test tar-risposta tagħhom kif hawn fuq riprodotta. Iżżid tgħid pero’ illi tifhem illi mit-trattazzjoni tal-abbli Avukati mill-Ufficcju tal-Avukat tal-Istat, huma jsostnu illi salv għas-Segretarji Permanenti intimati, l-intimati l-oħra ġew imħarrkin inutilment. Isostnu illi l-

Kumitat Ornis ma għandux personalita' ġuridika filwaqt illi ħadd mill-intimati l-oħra ma jpoġġi fuq il-mejda tad-diskussjoni, liema diskussjoni qed tittenta titwaqqaf b'dan il-Mandat.

Jagħmlu referenza ampja għad-digrieti mogħtija fis-snin li għaddew fi proċeduri simili għal dawn u jsostnu illi dan ir-rikors huwa biss *forum shopping*, attentat ta' *arm twisting*, abbuż tal-proċedura meqjusa dejjem straordinarja u dan kollu meta l-Qrati tagħna ġjà affermaw dan fid-digrieti msemmija u taw ir-raġunijiet tagħhom għaliex preġudizzju għar-rikorrenti ma hemmx. Isostnu illi bir-rikors odjern ir-rikorrenti qegħdin biss jagħtu libsa differenti biex jiksbu l-istess riżultati illi fittxew bir-rikorsi tas-snin preċedenti illi fallew fihom għal darba, tnejn, tlieta.

Id-difensuri tal-intimati jargumentaw illi mhux mifhum sewwa x'inhu l-pregudizzju illi r-rikorrenti qed jilmentaw minnu – u jsaqsu jekk hux għaliex xi ħadd qed iċaħħadhom milli jagħmlu sottomissjonijiet quddiem il-kumitat, jew, jekk hux xi ħadd qed iċaħħadhom milli jivvutaw – isostnu mhux ċar x'inhu l-preġudizzju jekk jiltaqa' l-Kumitat Ornis. Jgħidu illi Birdlife trid illi din il-Qorti tilbes hi r-rwol li għandu l-kumitat bil-ligi – u dan ma għandux ikun. Isostnu illi anke jekk u meta kellu jittieħed vot – jekk tali vot ma jkunx jogħġob lil Birdlife, kif gjà stqarret il-Qorti f'okkażjonijiet oħra – Birdlife għandha rimedji oħra x'tieħu. Imma jibqa' l-fatt illi l-organizazzjoni Birdlife Malta ma tistax timpedixxi l-proċess ta' diskussjoni ċivili u vot demokratiku fil-Kumitat.

Isostnu illi l-Kumitat Ornis huwa kumitat legali, leġittimu, imwaqqaf b'liġi bl-involviment tal-istess Birdlife u għalhekk jipprotestaw bil-qawwa kollha kif dokument privileġġjat bħal ma huwa *working document* jintuza f'dawn l-istess proċedura. Jgħid illi mhux sewwa illi f'soċjeta' demokratika tingħata pjattaforma fejn isemma leħnek u anke teżercita d-dritt tal-vot u tagħżel minflok illi tisfratta u twaqqaf diskussjoni flok tippartecipa fiha.

**Ikkunsidrat ulterjorment**:

Fit-trattazzjoni tagħha, l-abbli difensur tal-għaqda **Federazzjoni Kaccaturi Nassaba Konservazzjonisti** ukoll tirreferi għall-kumitat Ornis u tfakkar illi dak huwa kumitat kompost u mħaddem bil-liġi – u l-laqgħa li kienet imsejħa bl-items fuq l-aġenda huma legali u ma hemm xejn illegali fihom. Issostni illi lanqas il-kaċċa fir-rebbiegħa ma hi llegali – u fi kliem l-istess Bird's Directive, li huwa importanti huwa illi jkun hemm bilanċ bejn l-aspett rikreazzjonali u l-konservazzjoni tal-għasafar – xi ħaga illi l-kumitat Ornis qiegħed hemm proprju biex iseħħ dan.

Issostni illi l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa straordinarju min-natura tiegħu u b'hekk il-Qorti ma għandhiex tħares lejn kwalsiasi ħolqa oħra għajr dik illi l-mandat qed

jittenta jwaqqaf – cioe', il-laqgħa tal-Kumitat Ornis. Ulterjorment, issostni illi bil-liġi l-Ministru mhux marbut bil-parir li jingħata u għalhekk in-ness bejn il-laqgħa u d-deċizjoni għal ftuħ o meno tal-istaġun ma jeżistix.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Magħrufa l-pożizzjonijiet rispettivi tal-partijiet, il-Qorti sejra tgħaddi biex tagħmel l-evalwazzjoni u l-konsiderazzjonijiet tagħha.

Illi skont l-**Artikolu 873(1) tal-Kap 12** – L-iskop tal-Mandat ta' Inibizzjoni huwa li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.

Illi skond l-**Artikolu 873(2) tal-Kap.12** – Il-Qorti m`ghandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieg sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent '*prima facie*' jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.

Mill-Artikolu 873(2) joħorġu żewġ elementi li r-rikorrent irid jissodisfa:

1) fl-ewwel lok, irid juri li l-mandat huwa meħtieg sabiex jitħarsu jeddijiet li qed jippretendi li għandu; u
2) fit-tieni lok, irid jipprova li *prima facie* għandu dawn il-jeddijiet.

Appuntu dwar il-prova *prima facie* tal-jeddijiet, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha fil-kawża **Grech pro et noe vs Manfre`**[18] qalet hekk –

*... huwa rekwizit oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie', ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat.*

Hemm imbagħad l-**Artikolu 873(3)** tal-Kap.12 li jaqra hekk –

*Il-qorti m'ghandha tohrog ebda mandat bhal dak kontra l-Gvern jew awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga ufficjali taghha kemm-il darba l-awtorità jew il-persuna li kontra taghha jintalab il-mandat ma tikkonfermax fil-qorti bil-miftuh li l-haga li qed tintalab li tigi mizmuma tkun fil-fatt mahsuba li ssir, u l-qorti tkun sodisfatta, wara li tisma' l-ispjegazzjonijiet moghtija, li kemm-il darba ma jinharigx il-mandat, il-pregudizzju li jinholoq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun*

[18] 14 ta` Lulju 1988, (Kollez. Vol. LXXII.II.290)

*sproporzjonat meta mqabbel mal-istess ghemil tal-haga li qed tintalab li tigi mizmuma.*

Mela fejn, bħal fil-każ odjern, hemm entita' governattiva bħala intimat, b`żieda mal-elementi li joħorġu mis-subinċiżi (1) u (2) tal-Artikolu 873, irid jitqies ukoll dak li jingħad fis-subinċiż (3) u cioe`:

(a) li l-ħaga li parti titlob li tinżamm milli titwettaq fil-fatt hemm il-ħsieb li titwettaq, u
(b) li l-preġudizzju li jinħoloq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel ma' l-istess għemil tal-ħaga li qed tintalab li tiġi miżmuma.

Għar-rigward tal-element tal-preġudizzju meqjus fil-kuntest tas-subinċiż (3), wara l-emenda li ġiet fis-seħħ f`Ottubru 2006, il-liġi ma baqgħetx titkellem dwar preġudizzju "*li ma jkunx jista' jigi rimedjat*" bħala l-bażi biex tkun milqugħa talba għall-ħruġ tal-mandat kontra l-Gvern, iżda huwa biżżejjed jintwera mill-perspettiva tal-parti li titlob il-ħruġ tal-mandat li dak il-preġudizzju jkun sproporzjonat fis-sens illi jkun manifestament ta` żvantaġġ u ta` ħsara ghar-rikorrent jekk il-ħaġa titwettaq.

L-elementi li jwasslu għall-ħrug tal-Mandat huma kumulativi u mhux alternativi.

Li allura jfisser illi jekk xi wieħed mill-elementi ma jirriżultax, il-Qorti hija obbligata tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-Mandat mitlub. Huwa ukoll riaffermat li l-proċedura tal-lum hija maħsuba biex tkun waħda sommarja.

Il-fatt illi tintlaqa` talba ghall-ħrug tal-Mandat, m`ghandux ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Kif daqstant ieħor m`għandux ifisser li jekk il-ħrug tal-Mandat ikun miċħud, allura l-jedd pretiż ma jeżistix. Unikament għall-fini tal-akkoljiment o meno tat-talba, mhux kompitu ta` din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu.

Ħadd mill-partijiet ma jista` jew m`għandu jippretendi li mad-"*daqqa t`ghajn*" għandha tkun propju din il-Qorti li tiddeċiedi hi l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet bil-proċedura speċjali u partikolari tal-Mandat ta` Inibizzjoni.

Finalment irid jiġi preċiżat ukoll illi l-Mandat ta` Inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali. Għalhekk ma jistax ikun hemm il-ħruġ tal-Mandat jekk il-ħsara li minnha r-rikorrent ikun qiegħed jilmenta tkun tista` tigi rimedjata mod ieħor.

Dan kollu qed jingħad sabiex il-kontendenti jifhmu li l-mansjoni ta' din il-Qorti mhuwiex li tiddeċiedi finalment dwar il-pretensjonijiet tagħhom fil-mertu iżda huwa limitat u ċirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-liġi sabiex ikun operattiv Mandat ta` Inibizzjoni.

Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet,

**Ikkunsidrat ulterjorment**:

Illi qabel xejn huwa neċessarju illi tiġi trattata l-ewwel eċċezzjoni preliminari mressqa mill-intimati, maqsuma fi tlett partijiet:

a) illi **l-Ministri** intimati ġew imħarrkin għalxejn stante illi għall-proċeduri magħmula huma s-Segretarji Permanenti intimati illi għandhom jirrispondu u dan ai termini tal-Artikolu 17(8) tal-KAP 595 tal-Liġijiet ta' Malta.

b) illi l-**Kumitat Ornis** ma għandux personalita' ġuridika u għalhekk għandu jkun liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

c) illi l-**Avukat tal-Istat** ma għandu x'jaqsam xejn mal-materja mertu ta' dan il-Mandat u għalhekk ukoll għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

Il-Qorti tibda biex tagħmel referenza għat-talba kif postulata fl-ewwel paragrafu tar-rikors, ossia:

> "*tixtieq iżżomm lill-intimati milli waqt il-laqghat tal-Kumitat Ornis jiġi kkunsidrat, diskuss, deċiż permezz ta' vot u rakkomondat il-ftuħ tal-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa għall-gamiem*".

Diretta kif inhi t-talba tal-għaqda rikorrenti għall-laqgħat tal-Kumitat Ornis, il-Qorti tirreferi għal-Liġi Sussidjarja 549.42 li bl-Artikolu 10 tagħha, huwa mwaqqaf il-Kumitat *de quo*. Minn qari tal-istess artikolu msemmi, huwa evidenti illi l-Ministri ntimati, u allura kemm il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Indafa Pubblika u kif ukoll il-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar ma jpoġġux fuq l-istess Kumitat u lanqas ma ghandhom is-setgħa illi jattendu l-laqgħat, jiddiskutu u wisq aktar jieħdu vot.

Il-Qorti tqis ukoll, kif fuq jingħad, illi proċedura ta' Mandat ta' Inibizzjoni hija proċedura straordinarja u konsegwentament jidhrilha illi hawnhekk mhux każ illi intimati jkunu mħarrka għal kull interess li jista' jkollhom, inkluż dak hekk

imsejjaħ "passiv" mill-għaqda rikorrenti. Il-Qorti tqis illi speċifika kif inhi t-talba magħmula – talba għal hruġ ta' Mandat għandha tkun diretta biss lejn min jista' jkun direttament milqut mit-talba li qed issir u ma tħossx illi Qorti għandha titpoġġa f'sitwazzjoni illi tintalab toħroġ ordnijiet fi proċeduri straordinarji bħal dawn fil-konfront ta' persuni illi fil-konfront tagħhom tali ordnijiet jkunu inutili.

Dan qed jingħad ukoll fil-kuntest illi l-Qorti ma tistax tabbraċċja l-argument mressaq mir-rikorrenti Birdlife Malta illi l-laqgħa tal-Kumitat Ornis hija biss ħolqa waħda mill-katina li tista' twassal għall-ftuħ tal-istaġun tal-kaċċa, bl-iskuża ta' liema għalhekk jiġi leġittimu illi jitħarrek kull min hu rrelevanti għat-talba odjerna imma jista' jkun rilevanti għal xi parti oħra tal-katina. Il-Qorti tqis illi dan mhux legalment u ġuridikament korrett illi jsir.

Fid-dawl tal-premess biss, **il-Qorti sejra tgħaddi biex tilqa' parzjalment l-eċċezzjoni preliminari sollevata fir-rigward tal-Ministri intimati u sejra tgħaddi biex tillibera mill-osservanza tal-ġudizzju lill-intimati Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Indafa Pubblika u kif ukoll lil Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar.**

Għall-istess raġunijiet, il-Qorti **sejra ukoll tgħaddi biex tillibera mill-osservanza tal-ġudizzju lill-intimat Avukat tal-Istat**.

F'dan ir-rigward irid jingħad ukoll pero' illi d-difensur tar-rikorrenti Birdlife Malta għamel referenza għall-Artikolu 91(A) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u senjatament dik il-parti fis-sub-artikolu (3) li tgħid illi l-Avukat tal-Istat "*għandu jissalvagwardja l-legalità tal-azzjoni tal-Istat*".

Il-Qorti tqis illi fiż-żamma tal-laqgħa tal-Kumitat Ornis (għax dan huwa l-mertu odjern), bl-aġenda illi kienet maħsuba u bid-diskussjoni u l-vot li jkun mistenni illi jittieħed – allura dak kollu illi l-għaqda rikorrenti qed tittenta twaqqaf – ma jirriżultax illi hemm illegalita' u l-għaqda Birdlife naqqset milli turi lill-Qorti fil-grad li trid il-liġi l-illegalita' illi tali laqgħa msejħa skont il-liġi qed tagħmel tant illi huwa meħtieġ l-intervent tal-Avukat tal-Istat biex tkun preservata l-legalita'.

Finalment, fir-rigward tal-parti mill-eċċezzjoni illi tikkonċerna il-**Kumitat Ornis**, ossia', il-personalita' ġuridika o meno illi tali Kumitat jista' għandu, il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tal-intimati. Tqis illi l-Kumitat huwa mwaqqaf b'liġi biex kif jirriżulta mis-sub-inċiż (5) tas-sub-artikolu 10 tal-Liġi Sussidjarja 549.42, il-Kumitat għandu aktar minn kollox funzjoni konsultattiva, fis-sens illi fil-maġġor parti kbira ta' xogħolu, huwa mwaqqaf sabiex jagħmel rakkomandazzjonijiet diversi lill-Ministru.

Għaldaqstant, filwaqt illi tqis illi l-Kumitat Ornis tassew ma għandux personalita' ġuridika, b'dana kollu tqis illi fil-lista tal-intimati ma hemmx il-Kumitat, iżda l-President tal-Kumitat, u tqis illi kien opportun da parti tar-rikorrenti Birdlife Malta illi tinkludi flimkien mas-Segretarji Permanenti, lill-President tal-istess Kumitat, tant illi fid-dawl tal-premess, il-**Qorti sejra tiċħad dik il-parti tal-ewwel eċċezzjoni riferibbli għall-Kumitat Ornis**.

Għaldaqstant il-Qorti sejra <u>tilqa'</u> l-ewwel eċċezzjoni <u>limitament</u> u riferibbli biss għall-Ministri intimati **Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Indafa Pubblika u kif ukoll lil Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar** u l-intimat **Avukat tal-Istat** filwaqt illi ser <u>tiċħadha</u> safejn tirreferi għall-**President tal-Kumitat Ornis**.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi l-Qorti sejra issa tqis l-eċċezzjoni sollevata mill-intimati dwar l-**intempestivita'** o meno tal-azzjoni odjerna, u l-Qorti sejra tabbraċċja l-konsiderazzjonijiet tagħha maż-żewġ elementi neċessarji li l-għaqda rikorrenti kellha tipprova fil-grad li trid il-liġi - fl-ewwel lok, li l-mandat huwa meħtieg sabiex jitħarsu jeddijiet li qed tippretendi li għandha u fit-tieni lok, li *prima facie* għandha dawn il-jeddijiet.

Mill-fatti li jirriżultaw u li l-Qorti tifhem illi l-partijiet kollha jaqblu magħhom, jirriżulta illi kellha tinżamm laqgħa tal-Kumitat Ornis bil-għan fost oħrajn, illi tkun diskussa u tittieħed deċiżjoni dwar il-kaċċa fir-Rebbiegħa 2025 għal gamiem u summien. Bil-preżenti rikors, l-għaqda rikorrenti Birdlife Malta qed tittenta twaqqaf illi f'din il-laqgħa tkun diskussa din il-materja u jittieħed vot fir-rigward.

Jidher paċifiku jingħad ukoll illi għal din il-laqgħa hija mistiedna biex tipparteċipa l-istess għaqda rikorrenti Birdlife Malta, tant illi fuq domanda tal-Qorti, id-difensur tagħha wieġeb illi jekk issir tali laqgħa, l-għaqda Birdlife Malta tressaq l-istess kunsiderazzjonijiet u osservazzjonijiet illi għamlet fil-Qorti quddiem il-Kumitat, bil-għan illi tikkonvinċi lill-membri tal-Kumitat jivvutaw kontra l-ftuħ tal-kaċċa fl-istaġun tar-Rebbiegħa.

Il-Qorti trid tibda biex tgħid illi hija taqbel mas-sottomissjoni tal-intimati illi hija ma għandhiex tilbes il-libsa tal-Kumitat u mhix qegħda hawnhekk biex tkun hi illi tevalwa u tieħu deċiżjoni dwar l-item fuq l-aġenda tal-Kumitat Ornis fir-rigward.

Il-Qorti tqis illi l-għaqda Birdlife Malta naqqset milli tikkonvinċi lill-Qorti illi hija għandha xi jedd naxxenti mill-laqgħa u/jew mill-parteċipazzjoni tagħha fil-laqgħa u li dan il-Mandat huwa neċessarju sabiex jitħarsu tali jeddijiet.

Huwa paċifiku jingħad illi f'dan l-istadju, id-dritt tal-għaqda rikorrenti Birdlife huwa illi tipparteċipa, tiddiskuti u tivvota. Dwar l-eżitu tal-vot, bħal f'kull okkażjoni demokratika oħra fejn jittieħed vot, dak jibqa' essenzjalment imprevvist, anke jekk jista' jkun hemm indikazzjonijiet ta' fejn ser imur il-vot. Jibqa' l-fatt illi huma x'inhuma l-indikazzjonijiet li jista' jkun hemm – proċess demokratiku ta' diskussjoni u vot ma għandu **QATT** jixxekkel jew jitwaqqaf sempliċiment għaliex minn hu parteċipi għalih jaħseb jew iħoss illi r-riżultat tal-vot mhux ser ikun kif jixtieq hu. Kienu jkun mod ieħor, ikun ifisser illi wieħed qed jabbraċċja l-perversita' tal-proċess demokratiku.

Il-Qorti tqis illi l-għaqda Birdlife Malta għanda d-dritt illi tipparteċipa bis-sħiħ imma ma għandiex d-dritt illi tħassar il-proċess sempliċiment għaliex tħoss illi f'dak il-forum, hija mhux ser jirnexxilha tikkonvinċi biżżejjed votanti biex jivvutaw mod u mhux ieħor. U ma għandhiex tippretendi illi Qorti teżerċita diskrezzjoni tagħha biex tissostitwixxi dak il-proċess illi fuq kollox huwa dettat mill-liġi.

Dwar x'jista' jiġri wara d-diskussjoni li trid issir fil-Kumitat Ornis u l-vot illi jrid jittieħed hemmek – ma jaqax fil-mansjoni u l-parametri ta' dawn il-proċeduri kif impustati u fi kwalunkwe każ, ġjà hemm diversi pronunzjamenti tal-Qrati tagħna fir-rigward.

Għal finijiet ta' dan il-Mandat, li jibqa' importanti hu illi fil-ħsieb tal-Qorti, billi tpoġġiet l-item għal ftuħ tal-istagun tal-kaċċa fir-Rebbiegħa 2025 għas-summien u l-gamiem fuq l-agenda tal-Kumitat Ornis, fejn l-għaqda Birdlife Malta hija bi dritt mistiedna u mistennija illi tipparteċipa, tiddiskuti u tivvota – b'daqshekk id-drittijiet tal-għaqda rikorrenti Birdlife Malta la ġew kompromessi, la ġew mittiefsa u lanqas b'xi mod preġudikati.

Ġjaladarba l-Qorti tqis illi ma jirriżultax, imqar fuq livell *prima facie*, illi l-għaqda rikorrenti għandha xi dritt illi huwa meħtieġ illi jiġi kawtelat u mħares billi jintlaqa' dan ir-rikors, allura l-Qorti tista' tieqaf hawnhekk u ma tqisx kwistjonijiet oħra sollevati, li f'dan l-istadju jistgħu biss jiġu kkunsidrati superfluwi għall-finijiet ta' dan il-Mandat mitlub, ukoll għar-raġunijiet ġjà mogħtija aktar il-fuq.

**GĦALDAQSTANT**, għar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qegħda tgħaddi biex tiddeċiedi t-talba għal ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni mitlub billi:

1. **Tilqa' limitatament l-ewwel eċċezzjoni** tal-intimati u tillibera mill-osservanza tal-ġudizzju lill-intimati Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Indafa Pubblika, Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar u kif ukoll lill-Avukat tal-Istat, u,

2. **Tiċħad it-talba** ta' Birdlife Malta għal ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni fil-konfront tal-bqija tal-intimati.

Bl-ispejjeż li jkunu a karigu tal-għaqda rikorrenti Birdlife Malta.

**Mogħti kameralment illum, l-Erbgħa, 2 ta' April, 2025.**

**Ian Spiteri Bailey**
**Onor. Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**